**APPELL MINN SENTENZA TAL-QORTI TAL-MAGISTRATI (CSH)**
**=======================================================**

***Il-Pulizija (Supretendent Peter Paul Zammit, et)***
***Vs***
***NORMAN LOWELL : Id number 621346(M)***

***Rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali***

**Fil-Qorti tal-Appell Kriminali.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Peter Paul Zammit)**
**(Spettur George Cremona)**
**(Spettur Angelo Caruana)**

**Vs**

**NORMAN LOWELL : Id number 621346(M)**

**Rikors tal-Appell mill-Appellanti Imputat NORMAN LOWELL : Id number 621346(M).**

**Jesponi bil-qima:-**

1. Illi nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 18, 72, 82A(1) (2), 31, 32, 20 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-Imputat Appellanti **Norman Lowell** hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.

2. Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ppresjedut mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D., ikkundannat lill-Imputat Appellanti llum ta' tnejn u sittin sena ghal piena karcerarja ta' sentejn pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tissospendi l-operat taghha ghal perjodu ta' erba' [4] snin u b'hekk din il-piena ghandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-Imputat jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur.

3. Oltre dan l-Imputat Appellanti gie kkundannat ihallas multa ta' hames mitt Ewro (€500). Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-Imputat ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' Periti u Esperti, il-Qorti tilqa' tali talba u tikkundanna lill-Imputat ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-Espert Dr Stephen Farrugia Sacco (fol. 114) u dan fl-ammont ta' tmienja u tletin Ewro (€38) u dan fi zmien xahar millum u fin-nuqqas tali somma tigi kkonvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull Ewro 11.65 dovuta.

4. Illi l-Qorti tal-Magistrati ukoll ordnat li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan il-ghan.

## **A. *Il-Fatti fil-Qosor***

5. Illi l-Imputat Appellanti **Norman Lowell** bin Albert u Catherine nee' Grech, imwieled il-Gzira nhar id-29 ta' Lulju, 1946 u residenti 'Halcyon', 44, Triq iz-Zghafran, H'Attard, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 621346(M) gie mressaq quddiem l-Ewwel Qorti akkuzat talli b'diversi Atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi :

> **i. Fir-Rabat Malta, nhar it-30 ta' April, 2006, liema data sussegwentement il-Prosekuzzjoni wara li kienet ilha li ddikjarat li ghalqet l-istadju tal-provi taghha talbet il-korrezzjoni taghha ghat-3 ta' April, 2006, uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xorta ohra gibt ruhek b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk tqajjem mibegha razzjali jew b'hekk tohloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.**
>
> **ii. U aktar talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xort'ohra gibt ruhek b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk tqajjem mibeghda razzjali jew li b'hekk tohloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.**
>
> **iii. U aktar talli bejn Dicembru 2003 u s-27 ta' Marzu, 2006 permezz ta' Artikolu bit-titolu 'Coming Cataclysmic Crisis', uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xort'ohra gibt ruhek b'dan il-mod bil-hsieb**

**li b'hekk tqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk tohloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.**

**iv. U aktar talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, uzajt kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw, jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta.**

***6. Illi mela l-qofol ta' dawn it-tliet akkuzi bhala fatti huma li l-Imputat Appellanti kellu l-hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali kwantu ghall-ewwel tliet akkuzi; filwaqt illi kwantu ghar-raba' akkuza li ntuza xi kliem, eghmil jew gesti li ngurjaw, jew insulentaw jew maqdru lill-persuna tal-President ta' Malta.***

7. Illi l-Imputat Appellanti kif gia intqal gie misjub hati tal-akkuzi kollha mill-Ewwel Qorti u diga' gie mfisser kif gie kkundannat inkluz multa li ghandu jhallas u spejjez involuti fil-hatra tal-Espert.

8. Illi dawn mela huma l-fatti fil-qosor.

<u>**B. *Ir-Ragunijiet tal-Appell***</u>

9. Illi l-ewwel raguni ghala qieghed isir dan l-Appell odjern hija proprju d-***dictum*** tal-Ewwel Qorti f'pagna 116 tas-Sentenza citata fejn l-Ewwel Qorti ppresjeduta mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D. tenniet '***….u b'hekk din il-piena ghandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-Imputat jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur.***' Illi din ***id-dictum*** tal-Ewwel Qorti ihasseb hafna dwar kemm setghet kienet gusta din is-Sentenza tal-Ewwel Qorti fejn din tal-ahhar tenniet li l-kundanna ghall-piena karcerarja ta' sentejn sospiza ghal perjodu ta' erba' [4] snin kienet intiza biex isservi ta' lezzjoni ghall-Imputat / Appellanti biex jitghallem jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur.

10. Illi l-Qorti Kriminali qieghed hemm biex japplika l-Artikolu tal-Ligi fir-rigward ta' persuna akkuzata u a bazi tal-provi li jkunu tressqu fil-parametri tal-kontenut ta' artiklu partikolari, fil-kaz taghna taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat jinstab hati jew

ma jinstabx hati u jinghata l-piena stabbilita fid-dawl tal-kriterju tal-Qorti Kompetenti rigward l-iskala tal-htija li l-Qorti Kompetenti jkun dehrilha jekk huwa l-kaz illi l-akkuzat ghandu jigi ppenalizzat.

11. Illi mhux kompitu bir-rispett kollu ta' Qorti Kompetenti fil-qasam tal-Kriminal li jikkundanna lil xi hadd ghar-raguni biex dik il-kundanna sservi ta' deterrent qawwi halli l-persuna misjuba hatja toqghod attenta li ma taghmilx xi haga fil-futur u ghalhekk l-Ewwel Qorti f'dan il-kaz mhux biss marret ***ultra vires*** meta kkundannat lill-Imputat / Appellanti ghal akkuza li ma kellux fil-konfront tieghu imma wkoll ghamlitha ta' Qorti inkwizittiva biex tkun ix-xiber tal-kejl ta' x'inhu gustifikabbli jew le fil-mod kif l-Appellanti jesprimi ruhu fil-futur!

12. Illi dan fil-fehma umli tal-Esponenti / Rikorrenti, Imputat / Appellanti jirrendi s-Sentenza tal-Ewwel Qorti ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008 fl-ismijiet kif fuq premessi bhala nulla w invalida 'il ghaliex l-Imputat ma tressaqx akkuzat b'xi agir li jikkoncerna dak li seta' ilissen u kif ilissnu, imma kien akkuzat fuq akkuzi specifici, maghmulin f'okkazjonijiet, data, xahar, sena, differenti li l-Ewwel Qorti deherilha li kellha thares lejn erba' akkuzi differenti bhala ***reat kontinwat*** u proprju fl-analizi tal-Ewwel Qorti waslet biex tikkundanna lill-Imputat / Appellanti fuq akkuza li ma kienx tressaq biha u cioe' li l-Imputat / Appellanti kellu jifli kliemu qabel ma jesprimih fil-futur, 'il ghaliex hekk ikkonkludiet l-Ewwel Qorti kif naraw f'pagna 116 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Illi kwindi s-sottomissjoni li s-Sentenza citata fl-ismijiet kif fuq premessi hija fiha nnifisha nulla billi ma torbotx il-kundanna ma' ebda wahda mill-erba' akkuzi u wisq anqas mal-erba' akkuzi mghaqdin flimkien bhala ***reat kontinwat***. Illi dik hija l-ewwel raguni ghala qieghed isir dan l-Appell odjern.

## (i) *L-Ewwel Raguni*

13. ***Illi mela l-ewwel raguni tal-Appell hija li l-Appellanti / Imputat qed jissottometti li ghar-raguni kif hawn brevement imfissra s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008, hija nulla w***

***inavlida ghar-raguni li l-Ewwel Qorti marret ultra vires u sabet lill-Imputat hati fuq akkuza li ma kienx imressaq quddiemha biha u ghalhekk ma tista' ssib lil hadd hati fuq akkuza li ma kienx akkuzat biha, aktar u aktar tikkundannah ghal xi haga li jista' jaghmel filli gej, kif wettqet l-Ewwel Qorti. Kwindi s-Sentenza hija nulla w ghaldaqstant l-Imputat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.***

14. Illi dan li ghadu kif inkiteb huwa ssigillat mill-istess l-Ewwel Qorti fejn f'pagna 115 tas-Sentenza citata fil-paragrafu li jibda 'In realta' s-severita' tal-piena ghal dak li huwa deterrent, ……tiddeciedi kif ghandha titratta mal-individwu li jkun instab hati', dan il-paragrafu jindika bic-car illi l-Ewwel Qorti hadet atteggjament purament morali fis-Sentenza taghha u johrog car li mhux ghax sabet lill-Imputat hati ***ut sic*** tal-erba' akkuzi migjuba kontra tieghu jew ta' xi wahda minnhom imma riedet l-Ewwel Qorti sservi ta' xiber socjali u morali ta' kif l-Imputat / Appellanti kellu jiddeporta lilu nnifsu meta jigi biex jesprimi ruhu fil-futur, u ghalhekk l-istess l-Ewwel Qorti tissoda t-tezi li s-Sentenza moghtija minnha hija nulla w invalida.

<u>**(ii)** ***It-Tieni Raguni***</u>

15. Illi t-tieni raguni ghala qieghed isir dan l-Appell odjern tirrigwarda l-ewwel akkuza kontra l-Imputat **Norman Lowell** meta dan gie akkuzat li fir-Rabat Malta, nhar it-30 ta' April, 2006, uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xorta ohra gibt ruhek b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk tqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk tohloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.

16. Illi kif jirrizulta mill-Process ta' din il-kawza b'erba' akkuzi kontra l-Imputat, il-Prosekuzzjoni sa mill-jum li tressaq arrestat il-Qorti nhar is-27 ta' Mejju, 2006, u cioe' anka wara li kienet interrogat lill-istess Imputat / Appellanti dejjem baqghet izzomm ferm fuq id-data tat-***30 ta' April, 2006*** u hekk baqghet il-Prosekuzzjoni ssostni sakemm ghalqet il-provi taghha, inghatat kull opportunita' l-Prosekuzzjoni li tirrifletti jekk riedetx taghlaq il-provi taghha jew le, u fl-ahhar wara xhur il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduci. Illi effettivament il-Prosekuzzjoni ma kellha ebda provi ghajr ghas-

Supretendent Peter Paul Zammit li xehed diversi drabi u cioe' fis-26 ta' Gunju, 2006 kif ukoll wara li nbdielu l-Kontro-Ezami l-istess Supretendent Peter Paul Zammit kompla jixhed fl-14 ta' Gunju, 2007 fejn fil-qosor is-Supretendent Peter Paul Zammit stqarr li fil-fehma tieghu kellu jressaq b'arrest lill-Imputat / Appellanti b'dawn l-erba' akkuzi ghaliex hass, skond il-kriterju tieghu soggettiv, li kien hemm bazi legali taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward partikolarment tal-Artikolu 72 (Disprezz lill-President) u Artikolu 82A sub-artikoli (1) u (2) tal-istess Kodici Kriminali li kien jimmerita li proceduri kriminali jigu inizzjati kontra l-Imputat / Appellanti **Norman Lowell**.

17. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ohra ghajr il-fehma personali tas-Supretendent Peter Paul Zammit u filmati u kopja ta' artiklu li kiteb l-Imputat fis-sena 2003, artikolu li huwa intelletwalment profond u bir-rispett kollu hafna referenzi go fih lanqas l-istess Supretendent Peter Paul Zammit (dejjem reverentement b'kull rispett) ma seta' jifhimhom ahseb u wara qed jigi umilment sottomess kif seta' jghaddi gudizzju fuq il-hsieb tal-Imputat u l-kontenut ta' dak li kien kiteb.  L-ebda xhud iehor ghall-Prosekuzzjoni ma ttella' billi l-Ispetturi George Cremona u Angelo Caruana bazikament ikkonfermaw li kienu prezenti meta kienu qed jinterrogaw taht arrest lill-Imputat / Appellanti gewwa d-Depot fil-jum li gie arrestat, zewg sessjonijiet ta' interrogazzjoni, wahda filghodu u l-ohra wara nofsinhar fejn umbaghad l-Imputat tressaq arrestat b'urgenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar is-27 ta' Mejju, 2006.

18. Illi fil-fatt anka jekk jigi ezaminat il-Process bhal per ezempju f'pagna 134 tal-Atti Processwali nibqghu insibu r-referenza ghat-30 ta' April, 2006 fir-rigward tal-ewwel akkuza kontra l-Appellanti u nibqghu sejrin effettivament sa a fol. 147 bl-impressjoni li d-data kienet it-30 ta' April, 2006 u dan meta l-Prosekuzzjoni kienet ilha li ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi salv li l-Espert nominat mill-Qorti jespleta l-inkarigu moghti lilu, kif jirrizulta minn a fol. 12 tal-Atti Processwali nhar is-26 ta' Gunju, 2006.

19. Illi kien fit-23 ta' Frar, 2007, kif naqraw f'a fol. 170 tal-Atti Processwali, jigifieri tmien (8) xhur wara li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ma kellhiex aktar provi u wara li beda l-istadju tal-provi tad-Difiza fejn l-Imputat diga' kien xehed u ressaq diversi provi f'forma ta'

Dokumenti u ghamel stqarrijiet dettaljati, li l-Prosekuzzjoni nhar it-23 ta' Frar, 2007, '***titlob korrezzjoni fl-akkuza fis-sens li d-data '30 ta' April, 2006 fl-ewwel akkuza tigi kancellata u sostitwita bid-data 3 ta' April, 2006'.*** Id-Difiza opponiet ghal ragunijiet li nghataw fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2007 stess fejn umbaghad fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2007 saru sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni w id-Difiza fuq dan il-punt legali u bejn a fol. 170 sa a fol. 174 tal-Atti Processwali u minn a fol. 175 sa a fol. 185 tal-Atti Processwali naraw is-sottomissjonijiet bil-miktub u verbali tal-Prosekuzzjoni w id-Difiza fuq dan il-punt legali ta' korrezzjoni rigward id-data fl-ewwel akkuza migjuba kontra l-Imputat / Appellanti **Norman Lowell.**

20. Illi minn a fol. 186 sa a fol. 191 tal-Atti Processwali nsibu s-Sentenza tal-Ewwel Qorti datata 7 ta' Mejju, 2007 rigward din il-korrezzjoni fl-akkuza mid-data tat-30 ta' April, 2006 ghad-data 3 ta' April, 2006 fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti jaghmel il-korrezzjoni kif mitluba fl-akkuza numru 1 u cioe' li jikteb in-numru 3 flok 30 quddiem ix-xahar ta' April.

21. Illi b'din id-decizjoni tal-Ewwel Qorti gew miksura vjolentament id-drittijiet tal-Imputat / Appellanti mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi ma jistax ikun li Prosekuzzjoni li kellha z-zmien u l-facilitajiet kollha li taghmel l-indagini, l-investigazzjonijiet u tressaq il-provi li riedet, u effettivament kien l-istess Ufficjal Prosekutur ewlieni li ddikjara ferm qabel li kellux aktar provi x'jiproduci, xhur wara l-istess Ufficjal Prosekutur jitlob din il-korrezzjoni wara li l-Imputat / Appellanti kien beda jiddeponi w ghalaq id-deposizzjoni tieghu u sarlu l-Kontro-Ezami, u gew esebiti provi f'forma ta' Dokumenti u referenzi li umbaghad il-Prosekuzzjoni f'dan l-istadju delikat tal-provi fl-interessi tal-Imputat / Appellanti, il-Prosekuzzjoni taqbad u titlob din il-korrezzjoni u tinghatalha a bazi tar-ragunament tal-Ewwel Qorti fid-decizjoni li tat nhar is-7 ta' Mejju, 2007 a fol. 186 sa a fol. 191 tal-Atti Processwali.

22. Illi ghaldaqstant, it-tieni raguni ghala qieghed isir dan l-Appell tirrigwarda din il-korrezzjoni li umilment qed jigi sottomess saret b'mod abbuziv u bi vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-Imputat bhala Akkuzat, korrezzjoni li inutli jigi sottomess li ma affettwatx is-sustanza tal-akkuza, billi fil-verita' affettwat hafna s-sustanza tal-akkuza, aktar

u aktar meta kienu ghaddew xhur li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, l-Imputat kien spicca jiddeponi u sarlu l-Kontro-Ezami w esebixxa diversi Dokumenti u kien biss f'dak l-istadju qabel ma nstemghu aktar xhieda nhar l-14 ta' Gunju, 2007 a fol. 186 tal-Atti Processwali, li l-Ewwel Qorti awtorizzat il-korrezzjoni w ordnat lir-Registratur tal-Qorti biex jaghmel il-korrezzjoni fl-ewwel akkuza kontra l-Imputat.

23. Illi ghaldaqstant l-Imputat / Appellanti qieghed jissottometti li fic-cirkostanzi huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-ewwel akkuza apparti mill-fatt illi anka fil-mertu l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova li l-Imputat fl-uzu ta' xi kliem jew l-imgieba tieghu ried jhedded, jew kien abbuziv, jew insulenti, jew xorta ohra gab ruhu b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk tohloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.

24. Illi ghaldaqstant l-Imputat / Appellanti qieghed jissottometti li f'din l-inkwadratura legali u fattwali, anka kif tirrizulta manifestament mill-Atti Processwali ta' dan il-Process huwa ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-ewwel akkuza ghar-ragunijiet hawn moghtija.

**(iii) _It-Tielet Raguni_**

25. Illi t-tielet raguni ghala l-Appellanti / Imputat qieghed jintavola dan l-Appell odjern jirrigwarda dan il-kaz li ngab kontra tieghu u li huwa akkuzat bih imma li fil-fatt huma erba' kazijiet u erba' akkuzi separati kontra l-istess persuna. Illi dan fisser li l-Ewwel Qorti minkejja li l-imputat oggezzjona ghal dan ir-ragruppament ta' erba' kawzi kriminali separati infuzi f'kaz wiehed b'erba' akkuzi f'dati, f'lokalitajiet u f'hinijiet anka snin differenti, l-Ewwel Qorti ma laqghetx talba li l-Imputat kien ghamel rigward din l-anomalija fit-tmexxija ta' Proceduri Kriminali da parti tal-Prosekuzzjoni.

26. Illi nhar il-31 ta' Lulju, 2007, a fol. 195 u 196 tal-Atti Processwali l-Imputat / Appellanti tramite l-Konsulent Legali tieghu fil-fatt issolleva n-nullita' ta' din il-procedura partikolari 'u dan peress li l-erba' akkuzi kontra l-Imputat jirreferu ghal erba' okkazjonijiet totalment differenti, inkluz id-dati, lokalitajiet, u hin tal-akkuza partikolari kontra l-persuna tal-

President ta' Malta, ……illi minhabba dan il-konflitt fejn thalltu erba' akkuzi totalment differenti u gew maghguna f'wahda, dan jammonta ghal ksur tal-procedura kriminali…….ghaldaqstant tali akkuza hija nulla w invalida u kwindi l-imputat ghandu jigi lliberat a bazi tal-istess.

27. Illi l-Prosekuzzjoni f' a fol. 196 kienet issottomettiet li l-ewwel parti tal-akkuza hi ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-akkuza interament hija fil-parametri rekwizitorji ai termini tal-Artikolu 362 tal-Kodici Kriminali fejn hu rikjest li c-citazzjoni jew akkuza, jkollha dik l-informazzjoni necessarja biex kif anka sancit mill-Kostituzzjoni, l-akkuzat ikun jaf biex qed jigi akkuzat u d-data, lok u hin tal-allegat reat jew reati.

28. Illi Artikolu 18 jirreferi ghal Reat Kontinwat u jaghmilha cara li 'meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi.' Illi dan l-Artikolu jipresumi li l-Imputat ikun diga' instab hati 'il ghaliex inkella il-Legislatur kien juza kelma aktar felici bhal per ezempju l-akkuzat; it-tieni li jrid ikun hemm l-istess disposizzjoni tal-ligi involuta u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda : fil-kaz tal-Imputat / Appellanti meta tressaq l-Imputat quddiem l-Ewwel Qorti kien prezunt innocenti u mhux hati u cioe' tressaq bhala akkuzat u mhux bhala hati; l-erba' akkuzi ma jirreferux ghall-istess disposizzjoni tal-ligi certament l-akkuza kontra l-Imputat li tirreferi ghall-persuna tal-President ta' Malta; u minn imkien ma rrizulta li dawn l-atti kommessi mill-Imputat / Appellanti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda! Illi mela l-Ewwel Qorti zbaljat li qieset dawn l-atti bhala reat wiehed, imsejjah Reat Kontinwat, u effettivament ziedet il-piena fid-diskrezzjoni taghha u certament bi pregudizzju kbir ghall-istess Imputat / Appellanti.

29. llli infatti l-Ewwel Qorti f'pagna 110 tas-Sentenza citata ddikjarat li kienet ser titratta l-Imputat bhala 'a first time offender'. Illi l-istess l-Ewwel Qorti tara li l-akkuzi kontra l-Imputat / Appellanti kienu differenti u cioe' l-allegazzoni ta' tixwix ghal mibeghda razzjali u fuq in-naha l-ohra disprezz lejn il-President ta' Malta li huma zewg Artikoli totalment

differenti fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-emozzjonijiet tal-Ewwel Qorti fil-konfront tar-razez kollha li jinsabu f'pajjizna huma lodevoli u l-preokkupazzjoni tal-Ewwel Qorti ghall-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta hija konsiderevoli kieku ma kienx ghall-fatt li l-Imputat / Appellanti **QATT** ma kien ta' xi theddida ghar-razez kollha li jinsabu f'pajjizna u certament hija esagerazzjoni kbira li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dak li ntqal fir-rigward tal-President ta' Malta seta' ikreja kaos u instabilita' fil-pajjiz : dan huwa aprezzament li bl-ebda mod bir-rispett kollu wiehed ma jista' jaqbel mieghu, aprezzament li fil-fehma umli tal-Esponenti wassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi erronjament dwar il-htija tal-Imputat li gie kkundannat b'mod estrem u totalment sproporzjonat dejjem jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax it-talba tal-Imputat / Appellanti ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

30. Illi ghaldaqstant l-Artikolu 18 li l-Prosekuzzjoni rreferiet ghalih fl-udjenza ta' nhar il-31 ta' Lulju, 2007, a fol. 195 / 196 tal-Atti Processwali mhux aplikabbli ghal ragunijiet ovvji li hawn qeghdin jinghataw u kwindi la kien aplikabbli kif sostniet il-Prosekuzzjoni l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma kienet aplikabbli r-referenza ghall-Artikolu 362 tal-Kodici Kriminali da parti tal-Prosekuzzjoni fid-dawl tal-eccezzjoni sollevata mid-Difiza fl-interess tal-Imputat nhar il-31 ta' Lulju, 2007.

31. Illi nhar it-12 ta' Settembru, 2007, a fol. 287 sa a fol. 303 tal-Atti Processwali l-Ewwel Qorti iddegretat li b'referenza ghall-eccezzjoni sollevata mid-Difiza kkonkludiet li c-citazzjoni odjerna u ovvjament l-akkuzi kollha fiha kontenuti jissodisfaw dak rikjest mis-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali. Illi l-Ewwel Qorti sussegwentament ordnat il-prosegwiment tal-kawza. Illi mela l-Ewwel Qorti totalment injorat il-kontenut tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, totalment injorat l-elementi mehtiega ta' dak l-Artikolu, totalment injorat li bl-aktar mod trasparenti ma kienux qed jigu applikati l-istess Artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, injorat li effettivament ma kien hemm ebda rizoluzzjoni wahda u huwa f'dawn ic-cirkostanzi li l-Imputat / Appellanti qieghed jissottometti t-tielet raguni tieghu ghala huwa qieghed jappella mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008.

32. Illi mela l-Imputat / Appellanti qieghed jissottometti li din il-kawza kontra tieghu hija proceduralment nulla w invalida ghar-ragunijiet hawn brevement moghtija billi meta tressaq quddiem l-Ewwel Qorti l-Imputat la kien hati, gie akkuzat b'disposizzjonijiet differenti tal-ligi, certament ma kienx hemm rizoluzzjoni wahda, u allura fl-ebda mument ma l-atti setghu jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, u l-Ewwel Qorti ma kienetx gustifikata bir-rispett kollu li effettivament awmentat il-piena fir-rigward tal-Imputat meta skond l-Ewwel Qorti dana instab hati.

33. ***Illi din hija t-tielet raguni ghala l-Imputat / Appellanti qieghed jappella.***

## (iv) *Ir-Raba' Raguni.*

34. Illi ghaldaqstant l-Imputat / Appellanti ghall-grazzja tal-argument kellu jitressaq quddiem l-Ewwel Qorti b'erba' akkuzi u b'erba' kazijiet differenti u mhux b'erba' akkuzi fl-istess akkuza li kjarament ma kienetx inkonformi mad-dettat tal-Ligi Kriminali f'pajjizna kif brevement hawn fuq imsemmi. Illi ghalhekk ir-raba' raguni ghala qieghed isir dan l-Appell issa tigi iffokata precizament fuq l-ewwel akkuza fejn diga' fit-tieni raguni saru s-sottomissjonijiet dwar it-talba abbuziva da parti tal-Prosekuzzjoni li titlob bidla fid-data meta kienet ilha xhur li ddikjarat li ghalqet il-provi taghha. Illi dan diga' gie mfisser u mhux sejjer jerga' jigi ripetut hawn f'din ir-raba' raguni. Illi pero' tajjeb li wiehed jezamina xi kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xorta ohra li bih gab ruhu l-Imputat b'mod illi ndika l-hsieb li b'hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali.

35. Illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova **ASSOLUTAMENT** li l-Imputat kellu xi hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew li johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, iqajjem mibeghda razzjali. Infatti s-Supretendent Peter Paul Zammit meta ddepona nhar is-26 ta' Gunju, 2006 tenna bl-aktar mod kategoriku li l-perm partikolari tal-akkuzi odjerni kienu sempliciment il-gudizzju personali tieghu fuq kif interpreta xi materjal li nizzel minn sistemi elettronici l-istess Prosekutur inkluz artikolu li kien inkiteb tliet snin qabel jismu 'Coming Cataclysmic Crisis' li fil-fehma tieghu ammontaw ghal mibeghda razzjali.

Is-Supretendent Peter Paul Zammit immarka huwa stess dak li ***fil-fehma tieghu*** kien jammonta ghal mibeghda razzjali. Certament dan mhux dak li jirrikjedi u jesigi l-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

36. Illi huwa mportanti li l-Artikolu 82A li gie fis-sehh fis-sena 2002 u cioe' ftit tas-snin ilu hemm element importantissimu li jrid jigi ppruvat minn min jakkuza f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova ***minghajr l-icken dubju*** li l-akkuzat kellu l-hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew li johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali : il-piena hija jekk akkuzat jinstab hati minn sitt xhur sa tmintax –il xahar u sub-artikolu (2) tal-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li dan il-hsieb irid jirrizulta car kontra grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza ghall-kulur, razza, nazzjonalita' (inkluz ic-cittadinanza) jew origini etnika jew nazzjonali, jigifieri dan il-grupp ta' persuni jridu jkunu f'Malta mhux bhal per ezempju analizi ta' sitwazzjoni internazzjonali kif insibu fl-artiklu "Coming Cataclysmic Crisis' u allura qed jigi enfasizzat dan il-punt 'il ghaliex it-tielet akkuza ser tkun ukoll raguni ohra ghala l-Imputat / Appellanti qieghed jappella skond il-ligi.

37. Illi l-kriterju, is-suspett, il-konvinzjoni morali, l-evalwazzjoni ta' persuna wahda anka jekk huwa s-Supretendent Peter Paul Zammit kif effettivament jirrizulta manifestament mill-Atti Processwali li kien l-uniku xhud / prosekutur tal-Prosekuzzjoni wahdu ma jistax jikkonkludi xi hsieb kellu l-Imputat jew jimmagina xi probabilita' hemm li setghet titqajjem mibeghda razzjali u hawn fejn zbaljat qed jigi umilment sottomess mhux biss il-Prosekuzzjoni imma anka l-Ewwel Qorti li in mankanza ta' provi konkreti l-Ewwel Qorti sfortunatament ikkonkludiet illi riedet issib xi tfisser il-frazi 'mibeghda razzjali' meta effettivament is-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din it-tifsira jaghtiha w ghalhekk kien kumment stramb tal-Ewwel Qorti f'pagna 100 tas-Sentenza meta din il-Qorti tenniet li l-Kodici Kriminali taghna ma jaghti ebda tifisra ghalkemm tali reat huwa wiehed gdid fil-Kodici Penali u fil-fatt, gurisprudenza lokali fuq dan l-Artikolu tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 82A sub-artikoli (1) u (2) hija skarsa.

38. Illi effettivament il-Qorti ma dahlitx f'dik li hija essenzjali bhala element kriminali fl-Artikolu 82A u cioe' li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-hsieb tal-Imputat li jqajjem mibeghda razzjali jew li b'hekk johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali : dan kien li kellha tkun sodisfatta bih l-Ewwel Qorti u mhux bir-rispett kollu toqghod tgharrex jekk hemmx tifsira tal-frazi 'mibeghda razzjali' li effettivament hemm fil-Kodici Kriminali umbaghad l-Ewwel Qorti toqghod bir-rispett kollu tikkwotalna "International Convention on the elimination of all forms of Racial Discrimination" li ma ghandha x'taqsam xejn mal-akkuza, l-ewwel akkuza, migjuba kontra l-Imputat, minghajr pregudizzju ghat-tieni raguni ghala l-Imputat qed jappella kif hawn fuq imfissra.

39. Illi l-Ewwel Qorti zbaljat ukoll meta bir-rispett kollu tenniet f'pagna 101 tas-Sentenza citata li 'il-Qorti trid tezamina d-diskors tal-Imputat biex tara jekk b'dak li qal, hu kienx qed jippregudika t-twemmin ta' terzi persuni li ghandhom razza differenti minn tieghu'. Illi l-Imputat bl-ebda mod ma kien qed jigi akkuzat li hu ppregudika xi twemmin ta' terzi persuni li ghandhom razza differenti minn tieghu, allura bir-rispett kollu dan x'ragunar hu tal-Ewwel Qorti meta l-funzjoni tal-Ewwel Qorti bhala Qorti Kriminali u mhux Qorti Kostituzzjonali ghal xi ksur ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem, il-funzjoni tal-Qorti kien limitat bhala Qorti Kriminali jekk sehhewx iva jew le l-ingredjenti ta' elementi kriminali li fuqhom huwa msejjes l-Artikolu 82A.

40. Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti, dan l-ezercizzju l-Ewwel Qorti ma ghamlitux ghaliex evidentament l-Ewwel Qorti ma kellha ebda provi quddiemha li l-Imputat kellu xi hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew li b'hekk johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha ebda konkluzjoni x'taghmel ghajr illi tiddikjara li ma sabitx lill-Imputat hati u mhux l-Ewwel Qorti ttrasformat lilha nnifisha minn Qorti Kriminali ghal Qorti Morali jew ghal Qorti ta' Inkwizizzjoni jew Qorti Kostituzzjonali u ghadet taghmel referenza u ticcita xogholijiet bhal "International Convention on the elimination of all forms of Racial Discrimination" li fil-verita' ma kellhom x'jaqsmu xejn, u allura l-Ewwel Qorti ghamlet ingustizzja kbira mal-Imputat li sabitu hati fuq dak illi qal b'kull dritt kostituzzjonali li kellu ghall-liberta' tal-

espressjoni, tal-opinjoni, tal-fehma u tal-komunikazzjoni (li ma kienx il-funzjoni tal-Ewwel Qorti li tidhol f'dak il-qasam tal-ligi) u ddikjaratu u sabitu hati meta ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li tabbina, tallaccja u tintrabat mal-elementi kriminali essenzjali biex jigi ppruvat dak li jesigi, jehtieg u jirrikjedi l-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

41. Illi l-Ewwel Qorti anka kif naraw f'pagna 102 tas-Sentenza citata bir-rispett kollu ghandha fissazzjoni ovvja li ma tistax taccetta qisha li ahna demokrazija, demokrazija shiha, u li ghandna certu drittijiet u libertajiet fundamentali mnaqqxin kemm fil-ligi suprema ta' pajjizna u cioe' l-Kostituzzjoni ta' Malta u anka f'ligi ohra li b'effett minn Ottubru tal-1987 saret parti integrali mill-ligijiet ta' Malta u hawn qed issir alluzjoni ghall-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu. Illi huwa ovvju minn naha l-ohra li l-Imputat / Appellanti jemmen li huwa ghandu dritt li jesprimi opinjoni, li jikkomunikha kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba kif ukoll b'mezzi elettronici u li fuq kollox ghandu l-liberta' tal-hsieb li ma jfissirx dan il-hsieb li ghandu xi intenzjoni li jmur oltre li jkollu hsieb fuq kuncetti u din it-tezi trid tigi accettata minn kwalsiasi Qorti bir-rispett kollu a meno che min jakkuza ma jippruvax li dan il-hsieb fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz odjern kellu abbinat mieghu l-intenzjoni li titqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabbilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali. Dan certament ma giex ippruvat u wiehed allura jinsab ipreokkupat hafna kif l-Ewwel Qorti deherilha li ghandha tkun hi permezz ta' Sentenza ta' deterrent, bhal mannara li taqta' l-irjus, biex l-Imputat fil-futur joqghod attent x'jahseb u joqghod attent kif jitkellem u kif jikkomunika dak li jitkellem u allura ghandu jikkontrolla ilsienu. Illi dan bir-rispett kollu ma kienx kompetenza tal-Ewwel Qorti li taghmel hekk li kellha toqghod ghall-funzjoni u gurisdizzjoni taghha ta' Qorti Kriminali, haga li ma saritx, u ghalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti marret ***ultra vires*** u kwindi apparti li giet issottometta l-ewwel raguni, jekk ghall-grazzja tal-argument dik ir-raguni ma tigix milqugha minn din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell, fir-rigward tar-raba' raguni li tiffoka esklussivament fuq l-ewwel akkuza certament li din ma rrizultatx u allura l-Appellanti ghandu jigi liberat mill-osservanza taghha, minghajr pregudizzju ghat-tieni raguni li nghatat ghala qieghed isir dan l-Appell odjern kif ukoll ghat-tielet raguni li nghatat u li gew imfissra precedentement ghal din ir-raba' raguni.

### (v) *Il-Hames Raguni*

42. Il-hames raguni ghala l-Appellanti qed jappella mis-Sentenza ta’ nhar il-Hamis, 27 ta’ Marzu, 2008 tiffoka fuq it-tieni akkuza li ***mutatis mutandi*** dak illi nkiteb aktar ‘il fuq taht ir-raba’ raguni rigward l-ewwel akkuza jghodd ghal din it-tieni akkuza billi bir-rispett kollu l-Appellanti ma jistax jaqbel mal-opinjoni f’pagna 104 tas-Sentenza citata tal-Ewwel Qorti meta l-Qorti tghid ‘illi ma hemmx dubju li f’ghajnejn l-individwu b’intellet normali w ordinarju, dan il-kliem u referenzi jammontaw ghal imgieba ta’ theddid abbuziv u insulenti li tqajjem mibeghda razzjali. Tqajjem kuxjenzi li huma differenza bejn razza Maltija u dik tal-barrani pero’ dan b’mod dispregjattiv.

43. Illi din il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti ma fiha ebda verosimiljanza xejn billi c-Cittadin ordinarju jew kif tirreferi ghalih l-Ewwel Qorti ‘b’intellett normali w ordinarju’ bl-ebda mod ma jekwipara dak illi qal l-Imputat ma’ qawmien ta’ mibeghda razzjali. Il-hsieb li titqajjem mibeghda razzjali jew li tinholoq il-probabilita’ li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha titqajjem mibeghda razzjali jrid jigi pruvat b’fatti, b’incidenti attwali, b’cirkostanzi li ma jhallu ebda dubju li hemm rabta mad-diskors f’dan il-kaz partikolari ta’ dak li tenna l-Appellanti, u allura hawnhekk ukoll l-Ewwel Qorti qed taghmel aprezzament zbaljat u tasal f’konkluzjonijiet mhux verosimili billi l-verita’ hi li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielha tipprova xejn u l-akbar palata li sabet il-Prosekuzzjoni kienet bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti li l-hidma li m’ghamlitx il-Prosekuzzjoni ghamlitha l-Qorti u dan imur kontra l-principji ta’ imparzjalita’, tat-trasparenza u li l-gustizzja mhux biss trid issir imma tidher li qed issir. Illi ghalhekk anka fir-rigward tat-tieni akkuza marbuta mal-ewwel akkuza minghajr pregudizzju ghall-ewwel erba’ ragunijiet gia moghtija u mfissra, l-Appellanti m’ghandux jinstab hati taghha u ghandu jigi lliberat mill-osservanza minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet ***in linea preliminari*** li diga’ gew sottomessi aktar ‘il fuq.

**<u>(vi) *Is-Sitt Raguni*</u>**

**Coming Cataclysmic Crisis**

44. ***Illi huwa opportun f'dan l-istadju qabel ma l-Appellanti jghaddi biex jissottometti u jispjega fil-qosor is-sitt ragunii tieghu ghala huwa qieghed jappella mis-Sentenza citata ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008, li bir-rispett kollu jigi rrimarkat kif Sentenza storika bhal din, ta' mija u tmintax –il faccata, Sentenza li zgur ha tinqara u tigi studjata minn hafna partikolarment fir-rigward tal-kuncetti tal-erba' libertajiet u drittijiet fundamentali tal-individwu fid-Demokrazija taghna, u cioe' il-liberta' li tesprimi lilek innifsek, il-liberta' li jkollok l-opinoni tieghek, il-liberta' tal-hsieb tieghek u l-liberta' li tikkomunika kemm opinjoni u kemm il-hsieb tieghek : dawn l-erba' kuncetti bilfors iridu jigu studjati minn studenti tad-Demokrazija fil-pajjiz taghna u allura bir-rispett kollu l-Appellanti ma jistax ma jgibx a konjizzjoni ta' din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell l-izbalji numeruzi li hemm ortografici fil-kitba tas-Sentenza, zbalji li facilment setghu gew irrimedjati kieku saret revizjoni adekwata tat-test qabel ma gie ppublikat; u zbalji ta' referenzi li saru ghall-kitbiet jew ghad-dokumenti u referenzi ohra esebiti mill-Imputat fil-mori tal-kawza. Illi dan ifisser ukoll illi hafna referenzi fil-kitbiet u fid-Dokumenti esebiti mill-istess Imputat / Appellanti bl-akbar rispett ma kienux jinftehmu minn diversi persuni u dan mhux qieghed jinghad b'ebda sens ta' agir superjuri vis-à-vis hlejjaq inferjuri imma qed jinghad ghaliex huwa marbut intimament mal-konkluzjonijiet zbaljati mill-Ewwel Qorti fl-ghoti tas-Sentenza taghha 'il ghaliex bniedem kif jista' jigi ggudikat jekk wiehed mhux qed jifhem x'qed jghid? Bniedem kif jista' jigi kkundannat jekk Qorti ma aprofondatx ruhha fil-hsieb, fl-opinjoni, bil-mod kif gew espressi u komunikati dawn il-kuncetti tal-Imputat / Appellanti? U din is-sottomissjoni qasira f'dan il-paragrafu partikolari ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern huma marbuta b'mod generali mas-sottomissjoni kollha ta' r-raison d'etre tar-ragunar logiku, legali u fattwali konness ma' dan l-Appell Kriminali odjern quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti, imma anka partikolarment ma' din is-sitt raguni li hawn qeghda tigi mfissra ghala qieghed isir dan l-Appell odjern.***

45. Illi jkun opportun li bir-rispett u bl-umilta' kollha wiehed jerga' jenfasizza li l-artiklu li kiteb l-Imputat fis-sena 2003 bl-isem ta' "**Coming Cataclysmic Crisis**" meta inkiteb dan l-

artiklu mill-Imputat, inkiteb fi sfond analitiku ta' x'kien qed jigri fid-dinja ta' madwarna wara t-tracedja tat-**Twin Towers** fi New York fl-Istati Uniti tal-Amerka fid-data maghrufa bhala 9/11 (kif jiktbu d-Data fl-Amerka) u l-Imputat **Norman Lowell** li jqis lilu nnifsu bhala Profeta fis-sens analitiku vizjonarju ta' minn x'hiex kienet ser tghaddi d-dinja b'rizultat ta' dak l-attakk qawwi fuq l-umanita', ghamel studju b'referenzi qawwija ghall-fatti storici li jaffettwaw l-umanita' u b'referenza ghal diversi personalitajiet u mexxejja.

46. Illi l-artiklu bir-rispett kollu u bl-ebda intenzjoni ta' arroganza jew li wiehed irid jipprova jbaxxi lil xi hadd m'huwiex facli li tifhmu jekk ma jkollokx sfond storiku tajjeb, jekk ma tkunx taqra hafna, u jekk ghandek il-hin li toqghod tirrifletti fuq dak li qed jigri fid-dinja u ghandek il-hin li toqghod taghmel ir-referenza u ricerka u tiskambja fehmiet permezz tas-sistemi elettronika llum maghrufa komunalment u globalment **Internet**. Illi fil-qosor u bl-aktar mod semplici dan huwa l-isfond ta' dan l-artiklu "**Coming Cataclysmic Crisis**". Ma' dan trid izzid il-komplessita' tal-karattru tal-Imputat li trid tkun tafu biex taprezzah u li huwa bniedem li jiddeskrivi lilu nnifsu, anka kif ghamel meta tressaq arrestat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Mejju, 2006, bhala **Awtur** u **Artist**. Illi jekk inti ma tifhimx bir-rispett kollu lill-Imputat, wiehed hawn jerga' jirrepeti bir-rispett li ma tistax tiggudika dan il-bniedem imma huwa obbligu tal-Qorti bir-rispett kollu li trid tipprova tifhem kif jivvizwalizza d-dinja dan il-bniedem li jiddeskrivi lilu nnifsu bhala Awtur w Artist, bhala Profeta, bhala Vizjonarju ta' dak li qed jigri madwarna fid-dinja b'referenza u b'iffokar partikolari fuq l-Ewropa, ghalhekk huwa l-mexxej tal-Moviment **Imperium Europa** u parti mill-Moviment Ewropej bl-isem ta' **Nova Europa** u ghala fi hsiebu li f'din l-inkwadratura jikkontesta ghall-Elezzjonijiet ghall-Parlament Ewropew fis-sena 2009, f'Mejju 2009. Illi bl-akbar rispett w umilta' tista' din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tikkoncepixxi kif bniedem, ragel b'din il-vizjoni jista' jkollu l-hsieb li b'hekk iqajjem mibeghda razzjali, jew b'hekk johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali? Dan hu l-qofol tal-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Ewwel Qorti bl-akbar rispett lanqas biss ghamlet accenn ghalih filwaqt li ammettiet li dan kien l-ewwel kaz quddiem il-Qorti, li l-Qorti ma kellhiex tifsira tal-frazi "mibeghda razzjali", u ghalhekk mhux ghal kemm bir-rispett kollu taqbad u tikkundanna bniedem bhall-Imputat meta huwa ovvju li kemm fl-inkwadratura tal-erba' akkuzi kontra tieghu minghajr

pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ***in linea preliminari*** li nghataw, u partikolarment fuq din it-tielet akkuza, zgur ma tistax issibu hati 'il ghaliex huwa evidenti li dak li kiteb l-Imputat ma jinkwadrax ruhu fit-termini legali u kriminali tal-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

47. Illi dan ir-ragel **Norman Lowell** li ghal min ma jafux jirreferi ghalih b'diversi aggettivi imma li min isir jafu jibda jirrifletti li fl-eccentrecita' ta' Awtur Artistiku Profeta Vizjonarju li hu, **NORMAN LOWELL** jaghti l-energija kollha tieghu lill-kuncett ta' **EWROPA**, dan il-kontinent mill-aktar mejestuz u grandjuz meta mqabbel mal-kontinenti l-ohra imma fil-qasam ta' artestrija, krejattivita', inizzjattiva, bhal fil-kuncett per ezempju illi huma l-Ewropej biss li fost il-kontinenti kollha per ezempju huma l-aktar kapaci mhux biss li joholqu l-ikel imma li jkollhom abbundanza tal-ikel b'mod li dan jista' jigi esportat lill-kontinenti ohra, haga per ezempju li l-kontinent mill-aktar lussuz f'hagar prezzjuz u sbuhija naturali bhal ma per ezempju hu l-kontinent tal-**AFRICA** dan ma jaghmluhx u bhala ezempju **NORMAN LOWELL** isemmi l-kaz tar-Rhodesia li umbaghad saret Zimbabwe u ghal min jiftakar l-istorja kif zviluppat malli Rhodesia giet mahkuma mill-Afrikani proprja (hawn kellna l-kuncett ta' White Africans vis-à-vis Black Africans), li gara hu illi r-Rhodesia umbaghad Zimbabwe mill-aktar pajjiz sinjurun fil-kontinent tal-Africa ghal dak li huwa inizzjattiva ta' zvilupp ekonomiku effettivament sar l-ifqar pajjiz tista' tghid tad-dinja b'rata ta' inflazzjoni esagerata b'mod illi biex tixtri bicca hobz trid thallas ghaliha ghaxar miljuni dollari Zimbabwjani, u x'gara?  Illi l-President Mugabe li kien ilu fil-hakma assoluta ghal tmienja w ghoxrin sena, proprju waqt li qed jinkiteb dan ir-Rikors tal-Appell tilef il-hakma f'pajjizu bil-faqar, bil-guh, bin-nuqqas ta' rizorsi li kien hemm, bin-nuqqas ta' xoghol, bil-frustrazzjoni ta' nies u minflok il-poplu taz-Zimbabwe ghazel mexxej Afrikan gdid.

48. Issa din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell forsi takkuza lill-Imputat / Appellanti li dan kollu ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dan ir-Rikors tal-Appell u bir-rispett u bl-umilta' kollha l-Imputat / Appellanti jfisser lil din il-wisq Onorabbli Qorti li ghandu x'jaqsam 'il ghaliex l-Imputat m'ghandu xejn kontra hadd u certament m'ghandu xejn la kontra l-Afrikani u la kontra s-suwed u la kontra l-Gharab imma ghandu t-tezi li kull kontinent ghandha zzomm in-nies taghha u allura l-Afrikani joqoghdu l-Afrika u l-Ewropej joqoghdu fl-Ewropa u l-Gharab

joqoghdu fid-dinja Gharbija ghaliex it-tahlit ta' bejn id-diversi kulturi (u hawnhekk jidhol il-kuncett ta' multi-kulturalizmu) qed jaghmel ferm hsara lill-umanita'. Din hija t-tezi ta' **Norman Lowell** u ghandu kull dritt li jesprimi din it-tezi u proprju din hija wahda mit-tejoriji li johrog f'dan l-artiklu "**Coming Cataclysmic Crisis**" fis-sens illi jekk il-popli tad-dinja u l-mexxejja taghhom ma jgharfux din ir-realta' u jikkontrollawha allura ser ikun hawn kataklizmu kbir fid-dinja! Jekk wiehed ma jkollux dan l-isfond dwar **Norman Lowell**, ma tistax tifhmu u jekk ma tistax tifhmu bir-rispett u bl-umilta' kollha wiehed jerga' jistaqsi d-domanda : kif tista' tikkundannah?

49. Illi t-tielet akkuza ghaldaqstant kontra l-Imputat / Appellanti li '***bejn Dicembru 2003 u s-27 ta' Marzu, 2006, permezz ta' artikolu bit-titolu 'Coming Cataclysmic Crisis', uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xorta ohra gibt ruhek b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk tqajjem mibeghda razzjali jew b'hek tohloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali'*** : illi bl-akbar umilta' dan l-artiklu **Coming Cataclysmic Crisis** insibuh minn a fol. 63 sa a fol. 75 tal-Atti Processwali Dokument esebit mill-Prosekuzzjoni originarjament imma fl-Atti Processwali esebit mill-Imputat flimkien ma' diversi Artikoli u Dokumenti u Referenzi ohra li jaghtu analizi dettaljata ta' x'qed jigri fid-dinja bl-incidenza tal-**MULTIKULTURALIZMU** (multi-culturalism).

50. Illi dan l-Artikolu "**Coming Cataclysmic Crisis**" li nkiteb fis-sena 2003 u kien biss kwistjoni ta' zmien li baqa' ppustjat fil-Web Site li l-Imputat huwa kontributur taghha, kien Artikolu profetiku li ra x'kien sejjer jigri fid-dinja minhabba zviluppi li kienu ghaddejin u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija umilment mistiedna jekk ghandha l-hin (u l-Imputat / Appellanti jaf li din il-Qorti hija mghobbija bix-xoghol u jiskuza ruhu jekk il-Konsulent Legali tieghu li kitiblu l-Appell kellu jidhol f'dan id-dettal) li huwa bhala Imputat / Appellanti qatt ma kellu l-hsibijiet illi jimrah fihom legalment l-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta imma li hu kien qieghed jivvizwalizza dak li kien ser jigri u li effettivament meta tressaq arrestat quddiem il-Qorti Inferjuri hafna minn dak li kiteb dwaru effettivament sehh jew qed isehh jew jidher li ser jibda jsehh : allura talli l-Imputat / Appellanti kien Profeta Vizjonarju ha jehel li huwa kellu l-hsieb tat-tracedji li qeghdin jigru u

li laqtu wkoll id-dinja tal-Punent? Certament ma taghmel ebda sens li bir-rispett kollu tirraguna b'dan il-mod imma hekk b'dispjacir kbir jinghad irragunat il-Prosekuzzjoni li ghax ma fehmitx dan l-Artikolu (anzi pjuttost waqt li l-Imputat kien qieghed ifissru fid-deposizzjoni tieghu ma kienx hemm xi reazzjonijiet li qisu l-Imputat ma kienx f'postu meta qieghed jispjega l-profeziji tieghu kif kienu qed isehhu!) u akkuzaw lill-Imputat b'dan l-Artikolu, li wiehed jerga' jissottometti inkiteb fl-2003 u li ma jista' bl-ebda mod jigi abbinat mal-elementi mehtiega biex isehh l-Artikolu 82A kif sfortunatament u b'dispjacir tidher ukoll li hekk fehmet l-Ewwel Qorti u li allura r-refugju tal-Imputat / Appellanti issa jinsab quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell, li bl-akbar umilta' hija mitluba tivverifika jekk il-Prosekuzzjoni qattx qrat dan l-Artikolu kollu u mhux sempliciment taghtu daqqa b'ghajnejha u ndikat certu frazijiet li ma fehmithomx u bniet akkuza ghax forsi seta' kien hemm xi pressjoni minn xi Awtorita' fuqha!

51. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija umilment mitluba biex tivverifika jekk il-Prosekuzzjoni jew min issa quddiem din il-Qorti sejjer jirraprezenta l-Prosekuzzjoni fehmitx ir-referenzi li kien qed jaghmel ghalihom l-Imputat / Appellanti, irrispettivament wiehed jaqbilx maghhom jew le, ghax Malta, Malta taghna hija pajjiz Demokratiku u mhux Stat Polizjesk. Ir-Repubblika ta' Malta ghandha l-Kostituzzjoni taghha li tipprotegi d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, ghandha l-Kapitolu 319 imnaqqax fil-Ligijiet ta' Malta li hija l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu, u ma jistax ikun li c-cittadini issa jibdew jibzghu jiktbu dak li jhossu f'dan il-pajjiz hieles taghna ghaliex jibdew jimmaginaw li jista' jigi xi Prosekutur minn x'imkien u jidhirlu li xi haga li jkun qal xi hadd tista' tinkwadra ruhha fil-parametri ta' Artikolu 82A u jitressaq arrestat il-Qorti : Ma jistax ikun li din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell thalli dan l-abbuz isir kontra d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem, u ghalhekk l-Imputat / Appellanti hassu kostrett li jappella ghax jemmen li huwa qatt ma kellu jitressaq akkuzat b'erba' akkuzi differenti f'akkuza wahda w ulterjorment ghal dan meta kull ma ghamel kien li jezercita d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu f'demokrazija bhal ma hija taghna.

52. Illi fl-Atti Processwali l-Imputat esebixxa diversi Artikoli u Sentenzi li jimmilitaw kontra akkuzi bhal dawn f'Demokrazija li tirrispetta l-libertajiet, drittijiet, kif ukoll ir-responsabilitajiet abbinati ma' dawn tal-individwu imma ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qed issirilha referenza ghall-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention of Human Rights" miktub minn Karen Read li huwa ktieb li jinvestiga b'mod prattiku l-firxa ta' sitwazzjonijiet u problemi legali li ghalihom tapplika l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokolli taghha, ktieb miktub b'mod lucidu imma professjonali u b'mod partikolari qed issir referenza ghall-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem "Freedom of Expression" u fejn hemm tifsira ta' dan il-kuncett anka fil-parametri legali u kriminali, pagni 232 sa pagni 244 jigifieri tnax –il faccata, l-edizzjoni li qed issir referenza ghaliha hija tal-Pubblikaturi **Thomson – Sweet and Maxwell** fis-sena 2003, studju f'dan il-ktieb gwida li ghamel referenza ghal kazijiet quddiem il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u ghall-Kummissjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, ligijiet involuti u partikolarment umbaghad analizi ta' kuncetti fundamentali bhal dritt ghall-liberta' tal-espressjoni. Illi meta wiehed jistudja profondita' ta' gwidi bhal dawn bir-rispett kollu jara kemm il-Prosekuzzjoni hemm bzonn li tindaga b'mod aktar profond fi kwistjonijiet bhal dawn milli certament fil-kaz tal-Impuatt / Appellanti ghamlet zball kbir 'il ghaliex certament ma ngabet ebda prova essenzjali fil-Kriminal meta kull imputat huwa prezunt innocenti sakemm misjub hati, u l-Prosekuzzjoni qabdet ghagnet erba' akkuzi kontra l-Imputat / Appellanti u ghamlithom f'kaz wiehed, bir-rispett kollu s-suspett tal-Imputat / Appellanti 'il ghaliex kienu qeghdin taht pressjoni biex jaghmlu dan minhabba certu avvenimenti li kienu qed isiru fil-pajjiz bl-ebda mod konnessi ma' xi razez imma incidenti bhal per ezempju hruq ta' karozzi, hruq ta' bibien residenzjali ta' nies imdahhlin fil-mezzi tal-komunikazzjoni, li bl-ebda tigbida tal-immaginazzjoni l-Imputat / Appellanti kellu x'jaqsam maghhom. Il-Prosekuzzjoni pero' kellha obbligu sagrosant li l-kaz mhux biss tinvestigah imma tistudjah u ggib provi li tista' tissodisfa lill-Qorti illi vera kien hemm dan il-hsieb sottolinejat, din il-***mens rea*** fl-Imputat / Appellanti, li certament kif jidher ovvju mill-Atti Processwali dan ma kienx il-kaz u allura apparti mis-sottomissjonijiet dwar nuqqasijiet procedurali li l-Imputat / Appellanti qieghed issa jerga' jissottomettihom bhala ragunijiet ghala huwa qed jappella quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell, ma

gabitx prova wahda jew farka ta' prova l-Prosekuzzjoni imma ghadet biss fuq l-opinjoni tas-Supretendent bir-rispett kollu lejh li deherlu li dak li nkiteb f'dak l-Artikolu jew tahdidiet f'zewgt iljieli fejn grupp zghir ta' hbieb kienu qeghdin jiddevertu flimkien f'laqgha privata f'post pubbliku imma laqgha privata, u arrestawh u ressquh lill-Imputat minghajr ma l-Prosekuzzjoni kellha provi f'idejha.

53. Illi d-Difiza hadet dan il-kaz bl-akbar serjeta' u evidenza ta' dan huma l-Atti Processwali, id-deposizzjonijiet dettajati tal-Imputat, ix-xhieda li tella' fosthom xhieda indipendenti bhall-Kummissarju tal-Pulizija u l-Presentatur Liberali **Lou Bondi**, u persuni ohra ta' certu kultura, ta' certu edukazzjoni, ta' certu posizzjoni fl-impjiegi taghhom li hadd ma qal xejn b'mod li jinkwadra ruhu fl-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiiet ta' Malta. Illi saru Noti ta' Osservazzjonijiet dettaljattissimi u analitici u ghalhekk baqa' perpless l-Imputat bis-Sentenza tal-Ewwel Qorti li f'daqqa wahda l-Imputat bl-akbar rispett w umilta' ra fis-sentenza ta' mija u tmintax –il faccata, anka jekk l-Ewwel tlieta u disghin faccata ta' din is-Sentenza kienu riproduzzjoni tad-diversi deposizzjonijiet illi saru kemm minn naha tal-Prosekuzzjoni li l-parti l-kbira taghhom kienu Kontro-Ezamijiet u d-deposizzjoni f'diversi udjenzi tal-Imputat u x-xhieda tieghu u Dokumenti u Referenzi u Sentenzi li l-Imputat / Appellanti esebixxa : dan kollu juri kemm hadha bis-serjeta' l-Imputat / Appellanti biex ixejjen kull dubju, kull suspett li kien hemm xi fondatezza fattwali jew legali li kien jimmerita li huwa tressaq akkuzat b'dawn l-erba' akkuzi quddiem il-Qorti Inferjuri. Imma umbaghad fil-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti minn pagna 94 lil hemm sa pagna 117 (a fol. 533 tal-Atti Processwali) hemm il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li bir-rispett kollu gieghlu lill-Imputat / Appellanti jibda jahseb jekk l-Ewwel Qorti kienetx hi li saret il-Prosekuzzjoni, kienetx l-Ewwel Qorti li trasformat lilha nnifisha f'daqqa wahda minn Qorti Kriminali ghal Qorti Kostituzzjonali, jekk l-Ewwel Qorti kienetx saret Qorti Inkwizitorja biex tkejjel il-moralita' f'pajjizna, jekk l-Ewwel Qorti kienetx saret difensur ta' bilanc bejn is-socjeta' u l-Prosekuzzjoni kif tenniet l-istess Qorti fil-kitba tas-Sentenza taghha, u allura certament hawnhekk l-Imputat / Appellanti ma baqghax aktar jigi ggudikat minn Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali imma gie ggudikat minn xi entita' ohra billi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti x-xoghol tal-Ewwel Qorti hu li tara jekk il-mizien tal-gustizzja fil-qasam kriminali kienx qed isir jew le, u jekk dak li gie akkuzat bih bniedem

irrizultax bi provi li hekk kien il-kaz. Illi jekk dan ma jkunx il-kaz, allura l-Imputat / Appellanti kellu jigi lliberat mill-osservanza u mhux sab ma' wiccu l-Imputat / Appellanti bir-rispett kollu priedka biex hu joqghod attent kif jahseb u kif jikkomunika l-hsibijiet tieghu permezz ta' dik is-Sentenza li tkexkex u li saret accenn ghaliha proprju fil-bidu ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern.

54. Illi f'dawn ic-cirkostanzi, ma jistax ikun illi tinstab xi htija fir-rigward tal-Imputat a bazi ta' Artikolu 82A fil-parametri tat-tielet akkuza kontra tieghu u ghalhekk abbinata ma' dak li gie ssottomess fir-ragunijiet tal-Appell li diga' gew diskussi, partikolarment fir-raba' u fil-hames raguni, u strettament minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fil-hames ragunijiet tal-Appell li gew sottomessi u mfissra sa issa, l-Imputat / Appellanti m'ghandux jinstab hati ta' din it-tielet akkuza wkoll.

### <u>**(vii)** ***Is-Seba' Raguni***</u>

### **Allegat Disprezz lill-President**

55. Illi s-seba' raguni ghala l-Appellanti qed jappella mis-Sentenza tal-Ewwel Qorti ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008 hija proprju r-raba' akkuza li biha gie akkuzat l-Appellanti u cioe' '**talli fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, uzajt kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw, jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta**', akkuza li fil-verita' kexkxet lil hafna nies fid-Demokrazija taghna li stqarrew anka fil-gurnali u fil-media li lanqas kellhom ideja li l-Kodici Kriminali taghna kellu Artikolu 72 li proprju huwa ndirizzat mhux biex jigi ngurjat jew insulentat jew immaqdar il-persuna tal-President ta' Malta (hu min hu naturalment il-President ta' Malta billi dan l-Artikolu 72 kien gie emendat fl-1975 kif tghallimna din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell) imma l-intenzjoni tal-Legislatur kienet disprezz lill-President, jigifieri jrid ikollok l-intenzjoni li tiddisprezza lill-President ta' Malta mhux sempliciment li tuza kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw, jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta. Il-Legislatur ghamilha cara li fl-uzu ta' dan il-kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw, jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta, inkella jiccensura jew b'nuqqas ta' qima isemmi jew jirraprezenta

lill-imsemmi President, bi kliem, sinjali, jew b'rapprezentazzjonijiet vizibbli, jew b'xi mod iehor mhux ikkontemplat fil-ligi tal-istampa, jekk ikun hemm din l-intenzjoni tad-**DISPREZZ** u akkuzat jinstab hati, jehel il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.

56. Illi dan huwa Artikolu interessanti hafna fil-Kodici Kriminali li bir-rispett kollu l-istudenti tal-vera Demokrazija u dawk li jemmnu fil-liberta' tal-espressjoni, tal-komunikazzjoni tal-hsieb jew tal-opinjoni jhossu li dan huwa Artikolu li potenzjalment jista' jigi sfidat quddiem Qorti Kostituzzjonali sakemm wiehed mill-istudju analitiku legislattiv jintebah illi l-akkuzat irid ikollu l-intenzjoni li jiddispreggja lill-President ta' Malta u naturalment biex tiddispreggja lill-President ta' Malta trid tifli l-parametri li fihom ikun qieghed jinghad jew jintuza dan il-kliem, jew l-eghmil jew gesti li allegatament jingurjaw, jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta u l-akkuza kontra l-Imputat hija limitata li hu uza kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw, jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta, imma dawn f'termini kriminalment accettabli kienu jammontaw ghal Disprezz lill-President?

57. Illi apparti mis-sottomissjonijiet li diga' saru fir-ragunijiet gia migjuba ghala qed isir dan l-Appell li l-Imputat qed isostni li fl-ewwel lok l-Artikolu 72 ma ghandu x'jaqsam xejn mal-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk l-Artikolu 18 bl-ebda mod ma jista' jigi meqjus li jinkwadra ruhu f'dan il-kaz kwantu li m'hemmx l-istess disposizzjoni ta' ligi u certament ma sehh xejn li gie maghmul b'rizoluzzjoni wahda li tikwalifika dawn l-erba' akkuzi integrati f'kaz wiehed bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat. Illi l-Imputat gia ghamel sottomissjoni dwar dan aktar 'il fuq u allura mhux sejra tigi rripetuta hawn.

58. Illi huwa veru li dan kien l-ewwel kaz li tressaq quddiem il-Qrati Kriminali taghna a bazi ta' Artikoli 82A u 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi proprju ghalhekk li l-Prosekuzzjoni kien imissha ghadet attenta li ma thallatx il-kontenut ta' dawn iz-zewg Artikoli hekk pesanti legalment ma' xulxin proprju ghaliex m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin, u x-xiber u l-kejl u l-analizi u l-aprezzament tal-provi f'Artikolu u f'iehor huma totalment differenti 'il ghaliex per ezempju fl-Artikolu 72 trid issir ezami jekk b'dak li qal l-Appellanti

kellux intenzjoni u cioe' ***mens rea*** li jiddisprezza lill-persuna tal-President ta' Malta jew inkella sempliciment giex imtenni kliem biex ikunu satirici jew ironici jew li jippruvaw joholqu sitwazzjoni li tikreja xi tbissima 'l hawn u 'l hinn imma li certament ma jkunx hemm fil-qiegh, fis-sub-konxju, fl-intenzjoni ta' min ikun qed jghid dak il-kliem dak l-agir infrastrutturali psikologiku li bih tkun trid tiddisprezza persuna : nistghu minn ezami tad-diskors li ghamel l-Imputat Appellanti nhar it-3 ta' April, 2006 u nhar it-8 ta' Mejju, 2006 jew fl-Artikolu 'Coming Cataclysmic Crisis' b'xi mod insibu xi forma ta' disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta?

59. Illi fil-kriminal ghandna dik l-intenzjoni li ahna nsibuha bhala ***animus iocandi*** u dik kienet l-intenzjoni li kellu l-Imputat / Appellanti apparti milli kien qed jezercita d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu f'pajjiz Demokratiku u mhux f'pajjiz Polizjesk li jekk tghid xi haga u xi ufficjal fil-Korp tal-Pulizija jidhirlu li b'hekk int tkun qieghed toffendi lill-President ta' Malta, allura fuq kriterju purament soggettiv ahna nressqu bniedem arrestat il-Qorti u nishqu halli jinstab hati!  Illi evidentament il-Prosekuzzjoni hawn ukoll ma gabet ebda prova, lanqas wahda li l-Imputat kellu xi intenzjoni li jiddispreggja lill-President ta' Malta u l-uniku entita' kompetenti li qablet mal-uniku ufficjal tal-Prosekuzzjoni li deherlu li hekk kien il-kaz fir-rigward tal-Imputat, kienet sfortunatament u bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti u ghalhekk bir-rispett kollu qieghed jigi sottomess li l-Ewwel Qorti xaqilbet wisq bhala difensur tad-tezi tal-Prosekuzzjoni li purtroppo dan il-hsieb mhux qed jghaddi biss mill-mohh tal-Imputat imma qed tammettih l-istess Qorti fir-ragunament taghha fl-ahhar pagni tas-Sentenza meta hija bdiet bil-konsiderazzjonijiet taghha.  Illi din hija sitwazzjoni preokkupanti 'il ghaliex fil-Qorti c-cittadin irid isib it-tarka tal-imparzjalita' u t-trasparenza u mhux Qorti Kriminali li bir-rispett kollu tilbes diversi kpiepel legali waqt li qed taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha u tikkonkludi l-istess Qorti li hi trid tkun il-mizien, il-bilanc bejn dak li jsir fis-socjeta' u dak li jahsbu l-Awtoritajiet Kompetenti : certament din m'hijiex il-funzjoni ta' Qorti Kriminali u ghalhekk apparti li fuq dan il-bazi qed jigi sottomess li s-Sentenza hija nulla, fir-rigward ta' din l-akkuza partikolari ma tregix li l-Imputat Appellanti kellu xi intenzjoni li jiddisprezza lill-President ta' Malta li perswaz l-Imputat / Appellanti jirrispetta lill-President ta' Malta daqs kemm kull cittadin Malti jirrispetta l-persuna tal-President ta' Malta imma li mhux din ser tfisser xi sarima li jekk xi hadd ihoss li ghandu

jghid xi haga ta' zufjettar u li purtroppo tkun tirrigwarda l-persuna tal-President ta' Malta, issa lanqas din mhux sejrin nibdew nghidu 'il ghaliex ikun hawn biza' li jkun hemm xi ufficjal Prosekutur fil-Korp tal-Pulizija u jressqek il-Qorti bi ksur tal-Artikolu 72 tal-Kodici Kriminali!

60. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija konxja x'isir fl-Amerka fir-rigward tal-persuna tal-President tal-Istati Uniti, x'isir fl-Ingilterra fir-rigward tal-persuna tal-Maesta' taghha r-Regina, x'isir fl-Italja fir-rigward tal-persuna tal-President tal-Italja, x'isir fi Spanja fir-rigward tal-persuna tar-Re ta' Spanja u f'pajjizi ohra civilizzati u demokratici fejn hawnhekk l-atteggjament tal-Prosekuzzjoni kien aktar atteggjament li wiehed jassoccjah ma' pajjizi li ma jikwalifikawx bhala demokratici.

61. Illi meta l-Appellanti qed jirreferi ghall-frazi ***animus iocandi*** ma tridx tinghata l-impressjoni li dak li qieghed jissottometti l-Imputat bhala principji tieghu personali u bhala Kap tal-Moviment Politiku / Kulturali li huwa jmexxi ghandhom jittiehdu biz-zufjett imma dik il-frazi ***animus iocandi*** qeghda tintuza 'il ghaliex effettivament l-ewwel zewg akkuzi (minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet in linea preliminari) saru f'ambjent ta' laqgha litteralment bejn il-hbieb, li jiehdu pjacir li darba fix-xahar imorru jisemghu lill-Appellanti jaghmel id-diskorsi tieghu, f'ambjent ferriehi, f'ambjent li jixorbu flimkien u jieklu flimkien, f'ambjent privat billi huma jmorru f'lokal jokkupaw rokna minn dan il-lokal u la jdejqu u lanqas idejjaqhom hadd u din kienet "l-udjenza" li l-Prosekuzzjoni u l-Ewwel Qorti rreferew ghaliha fis-Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2008.

62. Bl-ebda tigbida tal-logika ma rrizulta xi haga fil-mori ta' din il-kawza kriminali li b'xi mod tinkwadra ruhha mal-elementi essenzjali biex jirrizulta r-reat kontemplat fl-Artikolu 82A.

63. Illi dwar "**Coming Cataclysmic Crisis**" diga' dan l-Artikolu li wiehed jerga' jenfasizza nkiteb fis-sena 2003 kellu dimensjoni lil hinn minn xtutna u allura wkoll ma setax ikun applikat ghal dan l-artikolu "**Coming Cataclysmic Crisis**" b'xi mod nistghu ninkwadrawh

fl-elementi kriminalment mehtiega biex jirrizulta r-reat fl-Artikolu 82A. Dwar dan diga' accennajna aktar 'il fuq.

64. Illi ukoll f'dan l-allegat reat li jirrigwarda l-persuna tal-President ta' Malta, reat totalment differenti minn dan kontemplat fl-Artikolu 82A, u allura bl-ebda mod ma jista' jinkwadra ruhu fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, facilment wiehed jara li ma hemm ebda intenzjoni ta' Disprezz lejn il-Persuna tal-President ta' Malta, imma l-Appellanti qed jaghmel referenzi fid-diskorsi tieghu simili ghal dawk accettabbli f'kull Demokrazija fid-dinja civilizzata li suppost nghixu fiha u diga' ssemmew pajjizi bhall-Amerika ta' Fuq, l-Ingilterra, Franza, Spanzja u pajjizi ohra li ahna bhala Ewropej inhossuna kburin li ninsabu assoccjati maghhom tant hu hekk li Malta Repubblika hija Membru Shih tal-Unjoni Ewropeja, allura kif bir-rispett kollu nigu napplikaw principji li ssibhom biss per ezempju qabel ma l-Germanja inghaqdet u kien hemm dak li konna nirreferu ghall-Germanja tal-Punent u ghall-Germanja tal-Lvant fejn f'din tal-ahhar kellhom din l-organizzazzjoni tal-wahx jisimha **Stasi** li kienet tigbor taghrif fuq ic-cittadini kollha tal-Germanja ta' Lvant u anka ghal cajta, anka ghal semplici cajta fuq il-mexxej ta' dak il-pajjiz f'dawk iz-zminijiet, persuna kienet issib lilha nnifisha arrestata. L-ambjent f'Malta ghaziza taghna zgur m'huwiex dan u perswaz li l-Ufficjali Prosekuturi taghna bl-ebda mod ma jridu li jigu mxebbha mal-membri tal-**Stasi**.

65. Illi per ezempju jekk ahna nirreferu ghar-referenza li qal l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni u li nsibuha mnizzla f'pagna 8 tas-Sentenza citata meta allegatament l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni tenna "f'dan id-diskors kien hemm referenza ghall-President ta' Malta bhala President Dumumba u jghidu 'you are a bloody good gardener but a lousy President'". Illi jekk wiehed jezamina din ir-referenza l-ewwelnett tohrog fic-car uhud mill-kwantita' ta' zbalji li hemm fis-Sentenza citata (bir-rispett kollu li thammrilna wiccna meta tinqara minn nies illi ghandhom certu kultura w gharfien tal-fatti madwar id-dinja billi fl-istorja qatt ma kien hemm President bl-isem ta' Dumumba imma Lumumba) li ma kienx President hazin imma bhal hafna nies fl-Awtorita' l-aktar gholja ta' pajjiz ikollhom id-difetti taghhom u allura lill-President ta' Malta Lowell b'certu ton ironiku qieghed jghidlu inti gardinar tajjeb hafna 'il ghaliex il-gonna ta' H'Attard huma mizmumin tajjeb hafna imma m'intix President

tajjeb : fejn huwa d-Disprezz lejn il-persuna tal-President? Huwa evidenti li ma hemm ebda intenzjoni ta' Disprezz fit-ton tal-Appellanti lejn il-persuna tal-President ta' Malta imma rimarka jew rimarki li f'Demokrazija huma perfettament accettabli, u f'dak is-sens illi saret referenza ghall-frazi '***animus iocandi***'. Illi r-Rikorrenti perswaz li anka l-istess President ta' Malta tbissem meta qed jaqra din il-frazi u certament ma jiehux l-atteggjament la tal-Prosekuzzjoni u lanqas tal-Ewwel Qorti li kkapitalizzaw fuq frazi inokwa bhal din u li ma taghmel ebda hsara biex sahansitra sabu lill-Imputat hati. Illi certament u dan jinghad b'certu niket, thassib preokkupanti, imma fl-istess hin b'rispett lejn l-Ewwel Qorti tkexkex Sentenza bhal din li ssib bniedem hati talli esprima frazi li fil-parti l-kbira tal-konversazzjonijiet ta' kuljum diversi membri fis-socjeta' taghna jaghmlu rimarki simili. Nergghu minn qalbna nawguraw li Malta m'hijiex Stat Polizjesk u lanqas m'ahna xi Stat Inkwizitorjali li issa ser nibdew nikkundannaw nies minghajr ma naprofondixxu fl-elementi mehtiega biex jirrizulta reat sempliciment tal-mod kif ikunu espremew il-hsibijiet taghhom, l-opinjonijiet taghhom, u kif ikkomunikaw dawn il-hsibijiet u l-opinjonijiet lill-pubbliku ta' madwarhom.

66. Illi nitkellmu dwar il-pubbliku ta' madwarhom huwa importanti illi wiehed hawn jghid illi l-ftit hbieb prezenti madwar il-persuna tal-Appellanti fin-Nigret gewwa r-Rabat u fil-Fra Ben gewwa l-Qawra bl-ebda mod ma deliberatament ferrxu dawn id-diskorsi mal-pubbliku in generali gewwa Malta u kienet biss il-media li gabithom a konjizzjoni tal-pubbliku in generali wara dawn l-akkuzi legalment u fattwalment infondati fir-rigward tal-Imputat / Appellanti.

67. Illi ghaldaqstant hawn ukoll l-Ewwel Qorti bl-akbar rispett ma dahlitx profondament fit-tifsira legali fil-qasam kriminali tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Qorti wiehed jenfasizza bir-rispett kollu forsi minhabba n-novita' ta' dawn it-tip ta' kawzi quddiem il-Qorti Kriminali ma ghazlitx binarju ta' kompromess imma dehret mhix certa fuq liema aspett ser tenfasizza fil-kriterju taghha biex taghmel il-gustizzja. U dan l-isforz tal-Ewwel Qorti spicca billi qisha nsiet l-Ewwel Qorti li l-funzjoni ewlenija taghha kienet dik ta' Qorti Kriminali u mhux ta' Qorti Inkwizittiva jew Qorti li tkejjel il-moralita' ta' poplu llum pluralista u kosmopolitan, kienet Qorti b'libsa Kostituzzjonali imma l-aktar haga preokkupanti fi kliem l-istess Qorti kienet li dehrilha l-Qorti li hija kellha tkun il-bilanc

bejn dak li fil-fehma taghha jista' jkun abbuz minn xi sezzjonijiet tal-poplu u tirrimedja hi l-bilanc ghan-nuqqasijiet tal-Prosekutur kif evidentament gara f'dan il-kaz. Hawnhekk kellna kaz fejn il-Prosekuzzjoni wiehed moralment jemmen kellha pressjoni biex tmexxi kontra xi hadd fid-dawl ta' certu fatti li kienu qed isehhu fis-socjeta' Maltija fiz-zmien tal-arrest tal-Imputat u ghal xi raguni jew ohra is-suspett jidher li waqa' fuq l-Imputat. Dan tal-ahhar ma kellu xejn x'jahbi u ammetta li bhala Awtur u Artist u anka Profeta Vizjonarju kien l-Awtur ta' artikolu profond li min mhux bizzejjed kolt (u dan jinghad bl-akbar rispett ghall-membri tal-Prosekuzzjoni li ovvjament ghandhom xoghol iehor x'jaghmlu imma ma jistghux joqoghdu japrofondixxu fuq il-kitbiet ta' Awturi ewlenin fid-dinja kosmika li nghixu fiha) u allura l-kitbiet tal-Imputat jistghu ikunu aktar suxxettibbli ghal dahk u tbissim minn dik il-parti tal-socjeta' li mhux ghax trid imma ghax ma kellhiex il-possibilita' li taprofondixxi intelletwalment u fl-istudju biex tifhem ezatt x'ried jghid l-Imputat / Appellanti. Ir-rizultati kienu din l-ghagna ta' erba' akkuzi f'kawza wahda u li umbaghad il-Prosekuzzjoni ippruvat tenfasizza li dan kien reat kontinwat, li kien hemm rizoluzzjoni wahda ghalihom u li din ir-rizoluzzjoni kienet il-hsieb li tqajjem mibeghda razzjali jew il-probabilita' meta wiehed jezamina c-cirkostanzi kollha li titqajjem din il-mibeghda razzjali. Ma' dan thallat ukoll dan il-kuncett tad-**Disprezz** lejn il-**persuna tal-President**, li huwa ovvju li bl-ebda analizi mill-aktar profonda ma wiehed jista' jghid li dan kien reat kontinwat. U allura l-izbalji fil-Procedura Kriminali komplew jintensifikaw meta fin-nuqqas ta' ebda prova minn naha tal-Prosekuzzjoni biex tissodisfa l-ingredjenti u elementi kriminali fl-Artikoli 82A u 72, l-Ewwel Qorti minghajr wiehed jissottometti ma riedet tat palata hi lill-Prosekuzzjoni meta qalet illi allura trid tkun hi t-tarka biex izzomm il-bilanc fis-socjeta' u li s-Sentenza taghha kellha sservi t'effett ta' mannara fuq ir-ras tal-Imputat biex dan meta jigi biex jitkellem u jesprimi l-hsibijiet tieghu fil-futur joqghod attent kif jesprimi dawn il-hsibijiet. Dan huwa kuncett l-ewwelnett li huwa aljen ghall-ligi kriminali billi l-ligi kriminali tesigi fuq il-Qorti Kriminali li tara jekk l-Imputat ikunx hati tal-akkuzi li jkun akkuzat bihom u din il-htija tigi stabbilita biss bi provi li ma jhallu lanqas l-icken farka dubju. L-Ewwel Qorti dan m'ghamlitux u dahlet fi sferi ohra li m'humiex tal-Qorti Kriminali u ghalhekk illi l-Imputat / Appellanti qieghed jishaq fuq in-nullita' tas-Sentenza moghtija.

68. L-Imputat huwa bniedem genwin. Kieku ma kienx daqshekk genwin ma jitkellimx kif jitkellem imma juza aktar il-hazen u jaghmel dak li ghandu jaghmel b'mod aktar sottili. L-Imputat ma jaghmel xejn taht xi forma ta' koperta u dak li ghandu jghid jghidu minghajr pero' ebda intenzjoni li jaghmel hsara lil hadd imma li jesprimi r-realtajiet ta' dak li jkun qieghed isir. Issa bir-rispett kollu lejn din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell, jigi mistqarr illi min jithallat man-nies u min jitkellem socjalment kulhadd jghid illi jista' jaqbel u ma jaqbilx ma' dak illi jghid l-Imputat / Appellanti, pero' f'hafna affarijiet li qed jghid mhux talli huma minnhom talli tabilhaqq sehhew u jidher li sejrin jibqghu isehhu. Hekk per ezempju jekk naraw l-atteggjament tal-Gvern Malti lejn il-problema tal-Immigrazzjoni Illegali li proprju waqt li ghaddejin is-seduti quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-kaz partikolari, il-politika tal-Gvern tal-gurnata tbidlet radikalment li l-istess Gvern ammetta li l-problema hija kbira wisq ghal din il-gzira ckejkna ta' Malta taghna, u ntalbet l-ghajnuna tal-Italja, intalbet l-ghajnuna tal-Unjoni Ewropeja, u suppost qeghda tiffunzjona l-Forza Armata **FRONTEX**; rajna problemi aktar akuti fi Spanja fejn il-Gvern Spanjol dawn it-tip ta' ligijiet assolutament ma jiprattikahomx fejn tidhol l-Immigrazzjoni Illegali ghax kellhom juzaw l-id tal-hadid biex izommu l-mewga ta' eluf ta' Immigranti Illegali li riedu jidhlu fl-ibhra territorjali u jinzlu fuq art Spanjola; problemi kbar gewwa l-Ingilterra u problemi massivi gewwa l-Italja fejn il-mod kif jinzammu l-Immigranti Illegali, l-Immigranti Illegali hawn f'pajjizna huma itrattati bl-aktar mod superlattiv. Dan kollu tkellem fuqu l-Imputat / Appellanti li qatt ma qal li jobghod lil dawn l-Immigranti Illegali, qatt ma qal li ghandna noboghduhom jew li naghmlu xi krucjata kontra taghhom! Kull ma qal l-Imputat / Appellanti li ghandna naghmlu hilitna biex inzommuhom 'il boghod minn xtutna ghaliex inkella ha jinholqu problemi kbar. U rridu nammettu b'idejna fuq il-kuxjenza, anka ahna li nemmnu fil-multi – kulturalizmu, anka ahna li nemmnu fid-dinja kozmika fejn kulhadd huwa relatat mal-persuna l-ohra, il-verita' hi li r-realta' hi realta'. Mela **Norman Lowell** tkellem il-verita' imma certament bl-ebda mod ma tista' ssir xi sottomissjoni li huwa ghamel xi haga li b'xi mod kiser u vjolixxa l-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

69. L-istess nghidu f'din is-seba' raguni ghala qieghed isir dan l-Appell odjern li l-Imputat / Appellanti ma kellu l-ebda intenzjoni li jiddispreggja l-persuna tal-President u dan l-Artikolu din hija l-prova li jrid u mhux sempliciment ghax xi hadd jizzufjetta b'xi rimarki fuq il-

President allura dak ikun hati ta' reat fid-dawl tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. U hawnhekk ukoll l-Ewwel Qorti zbaljat bil-kbir!

70. Illi tajjeb li hawn nirreferu ghal pagna 13 tas-Sentenza citata fejn l-Ewwel Qorti iddedikat l-ewwel tlieta u disghin faccata tas-Sentenza taghha ta' mija u sbatax –il faccata ghall-gabra tad-deposizzjonijiet tad-diversi xhieda li ddeponew u allura s-Sentenza qua Sentenza tibda r-rankatura taghha bil-konsiderazzjonijiet minn pagna 94 sa pagna 117 jigifieri f'medda ta' tlieta u ghoxrin faccata. Imma f'pagna 13 is-Supretendent Peter Paul Zammit stqarr "li r-reati addebitati lill-Imputat huma relattivament godda fil-ligi taghna" u tenna wkoll l-istess Supretendent Peter Paul Zammit kif citat fis-Sentenza tal-Ewwel Qorti u cioe' f'pagna 13 l-ewwel paragrafu li "mill-investigazzjoni li ghamel irrizultalu mill-evidenza li kellu, li kien hemm provi bizzejjed biex iressaq lill-imputat fuq l-akkuzi li addebitah bihom hu".

71. Is-Supretendent Peter Paul Zammit ghandu personalita' ferm pjacevoli u huwa bniedem li meta ssir tafu ghad illi jaghmel xogholu bis-serjeta', meta tissielet intelletwalment mieghu bhal f'Forum fil-Qrati tal-Gustizzja, trid twassallu l-messagg minghajr bl-ebda mod ma tidher li hemm xi haga personali fil-konfront tieghu, u hekk tmexxew dawn is-seduti quddiem l-Ewwel Qorti fejn il-koordinazzjoni bejn il-Prosekuzzjoni w id-Difiza kienu tajbin ferm. Pero' dawn il-provi li s-Supretendent Peter Paul Zammit qal li kellu u li kienu bizzejjed biex iressaq lill-Imputat fuq l-akkuzi li addebitah bihom ma rrizultaw minn imkien. U hawn fejn bir-rispett kollu naqset l-Ewwel Qorti, billi anka l-persuna tal-Gudikant li ppresjediet f'dawn il-proceduri kienet wahda ta' oggettivita' kbira fis-smiegh tal-provi imma fl-ahhar l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu qisha tilfet il-kuncett illi hi kienet hemm bhala Qorti Kriminali u mhux bhala Qorti biex tipprova tevalwa l-moralita' tal-pajjiz taghna u tuza Sentenza li minflok tikkastiga lill-Imputat ghal xi haga li nstab hati biha imma tikkastigah biex tkun ta' twissija ghalih halli joqghod attent kif jitkellem fil-futur. Li bir-rispett kollu taghmel dan billi tibghatu sentejn habs fuq kuncett ta' reat kontinwat li evidentament kien inezistenti f'dan il-kaz partikolari, u dawn is-sentejn habs tissospendihom ghal erba' snin hija Sentenza wisq iebsa u wisq harxa anka minghajr ma nergghu nenfasizzaw is-sottomissjoni li din is-Sentenza qed jigi tenut li hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-

Ligi Kriminali tar-Repubblika ta’ Malta u anka fil-parametri tal-Ligi Kriminali fl-Unjoni Ewropeja li taghha Malta llum hija Membru Shih.

72. Illi s-Supretendent Peter Paul Zammit ikkonferma li s-CMRU u cioe’ l-Community and Media Relations Unit fil-korp tal-Pulizija tawh referenzi ghal Ittri li jiktbu n-nies fil-‘press’ fosthom dawk dwar ***Racial Hatred***. Illi mela bir-rispett kollu l-Prosekuzzjoni mhux biss ma kellhiex provi f’idejha imma kompliet enfasizzat dan in-nuqqas billi tenniet illi l-Prosekuzzjoni kellha dan il-Unit li jara ittri f’gurnali dwar ***Racial Hatred*** u minn hemmhekk iddeterminaw li hemm htiega li jitressaq xi hadd il-Qorti u hawnhekk l-Imputat Appellanti ghandu suspett fondat li f’gurnal lokali partikolari l-Media Today proprju jiem qabel ma gie arrestat l-Imputat / Appellanti gabu f’zewgt ihdud konsekuttivi diversi artikoli orkestrati u kkoordinati bejn il-gurnalisti taghhom inkluz l-editur taghhom fejn fi kliem mhux tant meqjus u li certament jimmerita li jittiehdu passi mill-Prosekuzzjoni fuq il-lingwagg, il-frazijologija u l-kliem uzat fil-Malta Today fejn minghajr l-icken dubju ghaqdu certu sitwazzjonijiet li kienu qed isehhu fil-pajjiz fil-jiem qabel ma gie arrestat Norman Lowell mal-Imputat / Appellanti jew xi hadd mill-aderenti fil-grupp tieghu. L-Imputat / Appellanti ma kellux triq ohra ghajr illi jinizzja kawza ta’ **Libell** kontra l-Malta Today li fil-fatt tinsab fi stadju ta’ deposizzjonijiet u gbir ta’ provi da parti tal-Attur **Norman Lowell** quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippresjeduta mill-Magistrat Michael Mallia, LL.D.

73. Illi jekk din kienet il-prova li kellha l-Prosekuzzjoni, wiehed kien jistenna li l-Prosekuzzjoni ttella’ bhala xhieda lill-Editur tal-Malta Today u cioe’ **Saviour Balzan** u tnejn mill-gurnalisti tieghu li llum ukoll huma Edituri u cioe’ lil **Matthew Vella** (illum l-Editur tal-Malta Today fl-edizzjoni li tohrog kull nhar ta’ Erbgha) u lil **Kurt Sansone** li llum huwa Editur ta’ gurnal iehor li jippublikaw id-Dar tal-Pubblikazzjoni li ghaliha tappartjeni l-gurnal **Malta Today**. Imma minn dan kollu l-Prosekuzzjoni ma ghamlet xejn, u allura din ir-referenza f’pagna 14 tas-Sentenza citata hija totalment irrelevanti ‘il ghaliex nitghallmu li principju baziku f’kull Sentenza li tinghata huwa li dak li m’huwiex fl-Atti m’huwiex inkluz fl-evalwazzjoni u l-eventwali decizjoni fis-Sentenza li taghti Qorti partikolari. U hawn bir-rispett kollu kien zball iehor umilment jigi sottomess katastrofiku fil-Ligi Kriminali da parti tal-Ewwel Qorti illi ma ghaditx ghal dak li kien hemm esklussivament fl-Atti Gudizzjarji

quddiemha, imma marret lil hinn biex tat interpretazzjoni ta' sitwazzjoni li ma kienetx ezistenti bl-ebda mod jew tigbida tal-immaginazzjoni fl-Atti Processwali u ghalhekk l-Imputat / Appellanti jibqa' jsostni mhux biss fir-rigward tar-raba' akkuza w is-seba' raguni ghala qed isir dan l-Appell odjern, imma meta tiehu l-globalita' tas-Sentenza hija manifestament nulla w invalida, ineffettiva u ma tista' qatt fic-cirkostanzi skond il-principji li jigvernaw il-procedura kriminali w id-drittijiet ta' kwalsiasi bniedem akkuzat, qatt ma tista' tkun enforzabbli billi tikser vjolentament id-drittijiet u libertajiet fundamentali ta' kull persuna akkuzat apparti minn drittijiet u libertajiet ohra bhall-liberta' tal-espressjoni, tal-hsieb u tal-opinjoni u kif dawn jigu kkomunikati.

74. Illi l-uniku mela xhud tal-Prosekuzzjoni kien is-Supretendent Peter Paul Zammit wahdu u l-evidenza u l-prova li gab kien l-analizi soggettiva tieghu ta' dak li kien jinkwadra ruhu fl-Artikoli 82A u 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li certament bl-akbar umilta' din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tghallimna li dan huwa ferm u ferm 'il boghod milli tista' twassal ghal xi Qorti indipendenti w imparzjali li direttament u / jew indirettament tikkonkludi li l-Imputat qatt seta' b'xi mod kien hati.

75. ***Illi tajjeb illi hawn jigi pprecizat illi kif gia intqal l-Imputat kien arrestat fis-27 ta' Mejju, 2006 li kien jahbat il-jum tas-Sibt u l-artikoli personalment kontra Norman Lowell dehru fl-edizzjonijiet tal-Malta Today tal-Hadd, 13 ta' Mejju, 2006 u l-Hadd ta' wara 20 ta' Mejju, 2006 u sebat ijiem wara l-Imputat gie arrestat f'daru gewwa H'Attard u ttiehed id-Depot ghall-interrogazzjoni fejn minn hemm wara nofsinhar ittiehed il-Qorti arrestat u akkuzat b'dawn l-erba' akkuzi. Illi dawn bl-ebda mod ma rrizultaw u kemm ghar-ragunijiet legali u kemm ghar-ragunijiet fattwali, l-Imputat qatt ma jmissu nstab hati ghal ragunijiet legalment u fattwalment fondati li hawn qed jigu mfissra hati ta' dawn l-akkuzi!***

***76.*** Illi f'pagna 15 tas-Sentenza citata naraw illi anka l-istess Prosekuzzjoni ghamlet distinzjoni dwar reati li ghandhom x'jaqsmu ma' mibeghda razzjali u ***contempt of the President,*** fejn wiehed onestament ma jistax jifhem ghala ma tnizzlitx il-frazi ***Disprezz ghall-persuna tal-President ta' Malta.*** Illi mela l-istess l-Ewwel Qorti intebhet li anka l-Prosekuzzjoni ghamlet distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati imma xorta wahda l-Ewwel Qorti

baqghet miexja bir-rispett kollu fuq it-triq zbaljata li dawn iz-zewg reati b'xi mod huma konnessi u jikwalifikaw taht l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala reat wiehed u cioe' bhala reat kontinwat, meta huwa evidenti li l-ingredjenti tal-elementi kriminali f'dawn iz-zewg artikoli huma totalment differenti u anka ma huma abbinati xejn mal-ingredjenti ta' elementi kriminali fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

77. Importanti hafna li naraw x'qal l-Ispettur George Cremona skond kif citat f'pagna 16 tas-Sentenza ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008 meta dan qal li l-investigazzjonijiet li ghamlu bhala Korp tal-Pulizija kienu dejjem fuq il-*Web Site* u cioe' fuq il-kontenut taghha u li nies ***viva voce*** jitkellmu fuq dan is-suggett, huma ma semghux. L-ispettur George Cremona wiehed mit-trijunvarat li jiffurmaw il-Prosekuzzjoni ammetta li l-Imputat kkoopera hafna maghhom tul din l-investigazzjoni u r-raguni hi li ma setax l-Imputat ma jikkoperax ghax ma kien hemm xejn li ghamel hazin u li b'xi mod kiser xi ligi fil-Kodici Kriminali taghna jew xi principju sagru fil-Ligijiet Kriminali tal-Unjoni Ewropeja.

78. Illi hawnhekk terga' ssir referenza ghal pagna 22 tas-Sentenza citata fejn l-Ewwel Qorti indikat il-Verbal taghha stess bid-dikjarazzjoni li l-Prosekuzzjoni ndikat fejn kien jikkostitwixxi mibeghda razzjali fuq DVD li l-Qorti kienet qed tara flimkien mal-partijiet indikati fl-istess Sentenza. Naqraw li l-Prosekuzzjoni ***ddikjarat*** x'jikkostitwixxi mibeghda razzjali f'sentenza partikolari u allura naraw bir-rispett kollu s-soggettivita' ta' kif il-Prosekuzzjoni bniet kaz li ma kellhiex, imma kienet kostretta li tibnieh minhabba pressjoni li kellha avolja l-Prosekuzzjoni dan il-fatt cahditu, u l-Prosekuzzjoni ammettiet li kienet influwenzata minn artikoli li dehru fl-istampa minghajr ma qalet x'kienu dawn l-artikoli imma li l-Imputat / Appellanti qed jaghmilha car x'kienu dawn l-artikoli imma galadarba ma ttellghux bhala prova mill-Prosekuzzjoni, evidentament l-Ewwel Qorti ma kellha lanqas biss taghti kaz ta' dawn l-istqarrijiet jew sottomissjonijiet da parti tal-Prosekuzzjoni.

79. Illi l-istess f'pagna 23 tas-Sentenza citata l-Prosekuzzjoni tiddetta x'jikkostitwixxi ingurja lejn il-persuna tal-President ta' Malta, meta l-Artikolu 72 m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ingurja imma li jkollok l-intenzjoni li tiddisprezza (kelma vera dispregjattiva din) lill-persuna tal-President ta' Malta, cirkostanza jew attitudini jew atteggjament li zgur ma kellux

l-Imputat / Appellanti u ma saru ebda provi li effettivament kellu. Allura thares minn fejn thares lejha din is-Sentenza tal-Ewwel Qorti bir-rispett kollu, il-konkluzjonijiet taghha huma mibnija fuq cirkostanzi li la ghandhom bazi fattwali u lanqas ghandhom bazi legali. Ghalhekk f'kull cirkostanza l-Imputat / Appellanti ghandu jigi a dirittura liberat minn kull imputazzjoni u htija, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ***in linea preliminari*** li diga' gew sottomessi u minn zmien ghal zmien jigu aktar elaborati fl-andament tal-evolviment ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern.

80. Illi l-Prosekuzzjoni taghmel distinzjoni kontinwa bejn l-ewwel tliet akkuzi w ir-raba' akkuza, anka jekk id-Difiza tissottometti li hemm distinzjoni bejn l-erba' akkuzi maghguna f'akkuza wahda kontra l-Imputat / Appellanti : ara pagna 24 tas-Sentenza citata.

81. Illi huwa interessanti l-kwotazzjoni tal-Ewwel Qorti f'pagna 94 tal-Atti Processwali fil-kaz "**Handyside –vs- Renju Unit**" fiz-zmien meta l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Individwu ma kienetx ghadha tifforma parti ntegrali mill-Ligijiet ta' Malta kif saret f'Ottubru tal-1987 u f'pagna 95 tas-Sentenza taghha l-Ewwel Qorti tghid ezatt dak li essenzjalment tfisser il-liberta' tal-espressjoni meta qed ticcita din is-Sentenza tal-1976 imma umbaghad il-Qorti tizbalja bir-rispett kollu 'il ghaliex tmur lil hinn mill-kwotazzjoni li l-istess Qorti qed taghmel ta' din is-Sentenza li tfisser ir-ruh tal-espressjoni 'liberta' tal-kelma' imma umbaghad il-Qorti taqleb biex hi stess tohloq parametri li proprju jirrestringu din il-liberta' tal-espressjoni, u din hija opinjoni li l-Ewwel Qorti ma sabet ebda Sentenza bir-rispett kollu li setghet tikkwota biex tikkonforta dan il-kriterju morali li ghamlet l-Ewwel Qorti u li mhux accettabbli f'Demokrazija, u hawn proprju bir-rispett kollu mill-ewwel faccata fejn l-Ewwel Qorti waqfet tikkwota x'qalu d-diversi xhieda f'din il-kawza mill-ewwel bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti tizbalja fuq il-binarju li kienet ser tiehu biex tiggudika lill-Imputat / Appellanti¸ u dan l-izball baqa' miexi sakemm ingustament l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tikkundanna lill-Imputat meta dan ma huwa hati tal-ebda reat apparti minn nuqqas ta' konformita' ta' Procedura Kriminali li sehhew fil-mori ta' din il-kawza kif diga' gie mfisser : ara pagni 95 / 96.

82. Umbaghad l-Ewwel Qorti tikkommetti zball fatali ‘il ghaliex thallat l-indipendenza u l-imparzjalita’ taghha, ma’ dak ta’ arbitru li fejn tkun naqset naha taghmel tajjeb ghalih il-Qorti u hawn l-Ewwel Qorti zbaljat bil-kbir meta f’pagna 96 tas-Sentenza citata rriteniet ‘**illi ghalhekk f’kaz ta’ konflitt, spetta ghall-ordni gudizzjarja indipendenti li ghandha l-oneru li tibbilancja, bi prudenza, b’ghaqal oggettiv u b’fermezza fejn mehtieg l-interess konflingenti – f’dan il-kaz bejn l-Imputat li jirritjeni li kellu d-dritt li jitkellem, kif effettivament tkellem, u l-Prosekuzzjoni, li qed tizbanderixxi l-*istandard* tal-liberta’ tal-kelma’** : hawnhekk l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu zbaljat bil-kbir!

83. Illi ma huwa minnu xejn li Qorti Kriminali ghandha dan ***l-oneru li tibbilancja*** peress illi d-dover tal-Qorti Kriminali huwa li skond il-procedura kriminali ssib jew ma ssibx lill-persuna akkuzat jew akkuzata hatja jew mhux hatja a bazi tal-provi li jkunu tressqu u mhux fuq il-konvinzjoni morali tal-istess Qorti u dan partikolarment fil-Ligi Kriminali fejn fid-Demokrazija r-regolament tal-ordni guridiku taghna kif imhaddan u accettat mill-kumplament tal-Unjoni Ewropeja jesigi l-principju baziku li kulhadd innocenti sakemm ippruvati hatja bi provi u mhux sempliciment fuq kriterju ta’ moralita’ biex il-Qorti tibbilancja min m’ghamilx id-dover tieghu jew taghha jekk kien il-kaz u ma ressaq ebda provi : hawnhekk l-Ewwel Qorti saret il-Prosekuzzjoni w allura l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu ma baqghetx aktar imparzjali u saret parzjali, ma baqghetx aktar indipendenti u saret abbinata mal-Prosekuzzjoni billi l-Ewwel Qorti dehrilha zbaljatament fil-fehma tal-Esponenti Rikorrenti Imputat / Appellanti li hija kellha tibbilancja n-nuqqasijiet tal-Imputat / Appellanti meta dan ezercita d-dritt tieghu tal-liberta’ tal-espressjoni u kkomunikha kif ikkomunikha. Mela hawn l-Ewwel Qorti hija stess marret kontra dak li kkwotat fis-Sentenza “**Handyside – vs- Renju Unit**”.

84. Illi l-Ewwel Qorti dejjem bl-akbar rispett f’pagna 96 tkompli tikkontradixxi dak li kkwotat hija stess mis-Sentenza tal-1976 meta fir-rigward tal-Imputat / Appellanti jidhrilha li dan irid jipprova l-atribuzzjonijiet specifici illi ghamel filwaqt li l-Prosekuzzjoni li ressqet lill-Imputat u akkuzatu b’erba’ akkuzi f’kaz wiehed, il-Qorti deherilha li ma kellhiex tesigi lill-Prosekuzzjoni suppost li ressqet il-provi taghha ‘il ghaliex l-Ewwel Qorti rriteniet li dak li m’ghamlitx il-Prosekuzzjoni taghmlu hi biex tibbilancja dak illi tenna l-Imputat / Appellanti :

din certament bir-rispett kollu m'hijiex gustizzja u certament m'hijiex gustizzja li tidher li qeghda ssir billi hawn ghandna Qorti li qeghda tiddikjara u dan qed jinghad bl-akbar umilta' li hi hadet in-naha tal-Prosekuzzjoni 'il ghaliex b'hekk biss qed tohloq bilanc fis-socjeta', tezi certament mhix aplikabbli wiehed jerga' jissottometti enfatikament fil-proceduri quddiem Qorti Kriminali.

85. Illi l-kummenti tal-Ewwel Qorti f'pagna 97 ma huma xejn pjacevoli meta l-Ewwel Qorti qeghda issa enfatikament tikkonferma li hija ma tapprovax dak li kien qed jghid l-Imputat / Appellanti, imma allura ghax inti ma tapprovax u / jew ma temminx f'dak li qed jghid l-Appellanti, allura hemm ghalfejn li tghid li inti m'ghandekx rispett lejn dan il-bniedem? Pajjizna hu d-Demokrazija u trid taccetta kemm dak li jitkellem u taqbel mieghu jew maghha u kemm dak li jitkellem u ma taqbilx mieghu jew maghha, bhal ma l-Avukat Difensur tal-Imputat / Appellanti mhux necessarjament jaqbel ma' dak li tenna l-Imputat / Appellanti imma l-kriterju fil-kamp kriminali huwa wiehed : ingabu provi li jippruvaw l-elementi essenzjali kriminali fl-Artikoli 72 u 82A b'mod li l-Imputat kellu jinstab hati? U r-risposta hija bl-akbar mod kategoriku fin-negattiv ghaliex il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda provi kif gia gie mfisser diversi drabi f'dan ir-Rikors tal-Appell odjern.

86. Li kull individwu ghandu dritt ghall-liberta' personali tieghu u ta' persuntu, huwa dritt fundamentali u jikkwalifika hekk kemm fid-Demokrazija kif nifhmuha fl-isfera tad-Dinja taghna u fil-kaz partikolari ta' Malta hija mharsa u mnaqqxa bhala Dritt Fundamentali ghall-Libertajiet ta' kull individwu u dan fil-Ligi Suprema taghna u cioe' l-Kostituzzjoni ta' Malta Repubblika. Illi dan id-Dritt Fundamentali huwa wkoll imsahhah fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu (European Convention). Ulterjorment, is-Sistema Legali taghna thares bl-aktar mod qawwi dan id-Dritt Fundamentali tal-Liberta' Personali ta' kull wiehed u wahda minna u t-tarka ta' dan id-Dritt hija l-fiducja li kull cittadin ***ghandu jkollu*** fil-Qrati tal-Gustizzja. Ulterjorment Malta taghna bhala Membru Shih tal-Unjoni Ewropeja thares il-principji sagri fejn tidhol il-Liberta' Personali tal-Individwu permezz tal-Ligijiet u Regolamenti f'dan il-qasam tad-Drittijiet Fundamentali li thaddan u tghannaq intimament l-Unjoni Ewropeja. U allura din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell

Kriminali tghallimna u taghtina d-direzzjoni dwar kemm fil-Kamp Kriminali l-Gudikant irid joqghod attentissimu li qabel ma jikkarcera lil xi hadd (anka jekk din il-karcerazzjoni tigi sospiza, imma din il-Qorti tghallimna kemm hija serja fl-implikazzjonijiet legali u fattwali taghha din is-***sospensjoni*** f'dan ir-rigward) u ghalhekk huwa mehtieg li mhux biss jigu sodisfatti fil-mohh tal-Qorti l-elementi essenzjalment kriminali ta' Artikolu partikolari fil-Ligi Kriminali imma li l-Qorti ma jkollha lanqas l-icken dubju fl-infrastruttura u fl-istruttura materjali w intelletwali taghha li l-akkuzat jew akkuzata quddiemha hu jew hija hatja f'dak il-livell li l-karcerazzjoni (anka jekk sospiza wiehed hawn jerga' enfatikament jirrepeti) hija tabilhaqq mehtiega u necessarja ghal dak l-individwu. Illi certament dan ma kienx il-kaz fir-rigward tal-Imputat / Appellanti **Norman Lowell** fejn kellna Prosekuzzjoni li ma gabet ebda prova anka ta' din l-akkuza partikolari ta' Disprezz lejn il-President ta' Malta (apparti milli huwa Artikolu illi ma giex studjat bizzejjed billi ovvjament il-kelma **Disprezz** ma ghandha x'taqsam xejn ma' rimarki li jistghu isiru biex tkun ironiku jew satiriku, tuza s-sarkazmu jew l-ironija, tipprova tigbed is-saqajn, tipprova tghallem permezz ta' cajta jew tbissima anka jekk tghid xi kelma li forsi tistoghna fil-widna konservattiva, imma certament ma kien hemm ebda intenzjoni jew hsieb ta' disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta da parti ta' Lowell : huwa ovvju li anka jekk tipprova tistudja dak li spjega l-Ispettur George Cremona f'pagna 26 kif iccitat fis-Sentenza li ghaliha qeghda ssir referenza u li minnha qed isir dan l-Appell odjern dwar id-differenza bejn 'Imperium Europa' u 'Viva Malta', tara kuncetti li hemm imnaqqxa fil-mohh tal-Imputat li ghal min ma jifhimhomx, kif bir-rispett kollu lejn il-poplu taghna ghandek certament kwazi hamsa u disghin fil-mija tieghu li dawn il-kuncetti ma jifhimhomx mhux ghax huwa injorant imma ghaliex huwa nexxjenti fis-sens illi qatt ma ta kaz li joqghod jidhol f'dawn il-livelli ta' hsibijiet li l-Imputat bhala dikjarat **Awtur** w **Artist** ghandu z-zmien li joqghod jimrah u jirrifletti fuq dawn il-kuncetti u jikteb kotba dwarhom bhall-ktieb tieghu "**Credo**" jew il-ktieb li sejjer johrog **"Nova Europa"**. Dan l-**Awtur** u **Artist** m'ghandux iz-zmien li joqghod ikollu hsibijiet li jqajjem jew johloq ***mibeghda razzjali*** jew fi kwalsiasi cirkostanzi li jkun jinsab fihom tinholoq il-probabilita' li titqajjem u tigi ncitata mibeghda razzjali. Dan l-**Awtur** u **Artist** m'ghandux iz-zmien li joqghod jimrah fil-kuncetti li huwa jrid **jiddisprezza** l-persuna tal-President ta' Malta. Dan l-**Awtur** u **Artist** jahseb u jirrifletti fuq certu kuncetti, jorbot l-intimita' taghhom mal-Kontinent tal-Ewropa li huwa tant jemmen u jghid fih, u minn hemm jislet certu konkluzjonijiet li qeghdin diga'

jsehhu fid-dinja u jorbothom ma’ kif l-Ewropa qeghda tigi affettwata f’livell jew iehor, pozittiv jew negattiv tal-evoluzzjoni ta’ dan il-Kontinent, li jwassal lill-Imputat biex jaghmel dawn il-hsibijiet pubblici f’tahdidiet u / jew f’artikoli u / jew f’kotba li jista’ jikteb ghall-ftit li jkunu madwaru lokalment, ghall-ftit li jkunu interessati li joqoghdu jaqraw dwar dawn l-affarijiet billi l-massa, din il-massa pjetuza f’xi cirkostanzi, mohhha biss fuq affarijiet purament materjalistici, ta’ kuljum, u ma timrahx fl-intellett taghha ghax mhix kapaci jew ghax ma kellhiex il-possibilita’ li tkun kapaci jew ghax m’ghandhiex il-hin li tkun kapaci f’dawn il-livelli ta’ intellett li jimrah fihom l-Imputat **Norman Lowell**. Dan hu l-bniedem li jinstab hati minghajr ebda provi u ntbaghat il-habs, fuq akkuzi li ma gewx ippruvati, fuq akkuzi li ma tressqu ebda provi li ma jhallu lanqas l-icken dubju li dak li tenna u qal u kiteb u lissen dan l-Imputat kellu veru dawk il-hsibijiet jew dak l-atteggjament li jikkontemplaw kriminalment l-Artikoli 82A u 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. U l-izball li ghamlet l-Ewwel Qorti hu li flok kienet hi il-mizien tal-bilanc biex tara jekk il-provi li tressqu da parti tal-Prosekuzzjoni jhallux fid-dubju jekk veru l-Imputat setax kien hati jew le, apparti minn konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li diga’ gew sottomessi f’dawn id-diversi ragunijiet ghala l-Imputat qed jappella, bir-rispett kollu lejha, l-Ewwel Qorti ghamlet zball fatali li hi stess inghaqdet fi kliemha stess kif insibuh miktub f’din is-Sentenza ta’ mija u sbatax –il faccata li minnhom l-ewwel tlieta u disghin faccata huma riproduzzjoni ta’ deposizzjonijiet illi nghataw, imma fil-ftit kummenti taghha l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu zbaljat fatalment fil-Kamp Kriminali billi tenniet li hi ghandha tkun il-bilanc tal-kejl tal-moralita’ fis-socjeta’ w abbinat ruhha mal-Prosekuzzjoni f’paragrafu li diga’ ccitat u bi stqarrijiet ohra li johorgu mis-Sentenza citata, direttament u / jew indirettament b’mod illi minn dak il-mument il-Qorti ma baqghetx bir-rispett kollu l-Qorti imparzjali, il-Qorti li tara fatti mid-distanza u b’mod oggettiv imma l-Qorti hassitha fid-dover ma hemm ebda dubju b’intenzjoni tajba imma fil-Kamp Kriminali fatalment hazina, li hija tkun il-gwida tal-moralita’ ta’ pajjiz u kien fuq dak il-kamp li l-Qorti kkundannat lill-Imputat mhux ghax sabitu hati minghajr l-icken dubju tal-elementi u ngredjenti kriminalment essenzjali fl-Artikoli tal-Kapitolu 9 ftit ilu ndikati, imma biex lill-Imputat ggeghlu jirrifletti halli f’dak illi jghid ***fil-futur joqghod attent kif jesprimi u jikkomunika l-hsieb tieghu*** ‘il ghaliex inkella ser ikollu din is-Sentenza bhala mannara fuq ghonqu ghal mill-anqas erba’ snin kieku dan m’appellax u kieku ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tikkonferma s-Sentenza appellata.

87. Illi allura hija sitwazzjoni li tohloq preokkupazzjoni w inkwiet kbir fl-istudenti tal-libertajiet u drittijiet fundamentali tal-individwu kif jemmen minn ruhu wkoll l-Avukat Difensur li qabbad l-Avukat 'il ghaliex m'hemmx ghalfejn taqbel ma' individwu imma fid-Demokrazija u fil-ligijiet taghna trid tirrispetta lil dak li ma taqbilx mieghu u jekk hemm bzonn tikkonfrontah jew tikkonfrontaha b'mod civili, imma mhux tostru u tikkarcerah u ccahhadlu l-liberta' anka jekk din tissospendihielu imma bazikament tqeghdu dejjem fuq kawzjoni kontinwa li jrid joqghod attent xi jghid u certament dik ma tkunx Demokrazija, u certament dak ma jkunx pajjiz Demokratiku, u certament inkunu qeghdin niksru l-Ligi Suprema taghna, il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali taghna, u l-veru assimilazzjoni u shubija taghna fl-Unjoni Ewropeja!. Hawnhekk nirreferu minn a fol. 25 sa a fol. 33 tas-Sentenza citata u li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern.

88. Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell meta qeghda tifli bir-reqqa kollha l-Atti Processwali voluminuzi ta' dan il-kaz ser tara l-mohh tal-Imputat / Appellanti kif jiffunzjona sa certu punt, bir-rispett kollu wkoll tara xi domandi li ghamlulu l-Ufficjali Prosekuturi waqt li qed jinvestigawh fid-Depot kemm kellhom rezolanza taz-zminijiet l-inkwizizzjoni speci tipprova ssib ***raison d'etre*** ghal kull kelma u frazi li qed jghid l-Imputat u ezempju ta' dan narawh f' a fol. 34 sa a fol. 74 tas-Sentenza citata jigifieri erbghin faccata shah li prattikament tkopri parti sostanzjali ghad illi mhux kollox ta' dak li tenna l-Imputat fid-diversi deposizzjonijiet u diversi udjenzi li hu xehed fihom quddiem l-Ewwel Qorti w allura fejn naraw li l-Ewwel Qorti ddedikat tista' tghid il-parti l-kbira tas-Sentenza ghal dak illi tenna u ddepona l-Imputat quddiem l-Ewwel Qorti u li allura meta inti dana tistudjah mhux biss dawn l-erbghin faccata li qeghda ssir referenza ghalihom hawn imma pagni ohra fl-istess Sentenza u d-deposizzjonijiet originali tal-istess Imputat, minbarra n-Noti ta' Sottomissjonijiet illi gew sottomessi, meta inti tistudja dan kollu fl-assjem tieghu tara effettivament illi ma hemmx dawk l-ingredjenti essenzjalment mehtiega biex l-Imputat jinstab hati bl-akkuzi migjubin kontra tieghu, u anka jekk naraw ir-rimarki li qal dwar il-President ta' Malta fejn din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell meta sejra tifli l-Atti Processwali kollha m'ghandha jkollha lanqas l-icken farka dubju li rimarki mhux favorevoli ghall-President ta' Malta l-Imputat tenna, kif itennu numru ta' cittadini li jista' jkun numru

sostanzjali f'kull Demokrazija w anka mhux f'Demokraziji fil-pajjizi kollha tad-dinja bid-differenza li fid-Demokrazija li Malta taghna tiftahar li tappartjeni ghaliha fl-isfera politika tal-globu li fih nghixu, ghandna nhossuna liberi li jekk irridu nikkummentaw fuq il-President dana nistghu naghmluh minghajr ebda biza', kummenti li kienu jsiru, qeghdin isiru u zgur li ser jibqghu isiru, imma li xi hadd umbaghad jipprova jikkwalifika dawn il-kummenti bhala Disprezz lejn il-persuna tal-President dik hija xi haga ohra u certament l-Imputat ma kellux din l-intenzjoni li jiddispregga lill-President ta' Malta kif kontemplata f'mohh il-Legislatur u riprodotta f'Artikolu 72 tal-Kodici Kriminali u mhux kif maghguna fil-mohh tal-Prosekuzzjoni u li sfortunatament ghamlitha taghha wkoll l-Ewwel Qorti!

89. Illi ghaldaqstant fic-cirkostanzi lanqas ir-raba' akkuza kontra l-Imputat / Appellanti ma tirrizulta fl-inkwadratura tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-fatt il-Prosekuzzjoni siltet biss parti mill-Artikolu 72 li fihom infushom m'humiex lejali ghall-Artikolu 72 'il ghaliex kellha espressament tigi msemmija l-kelma Disprezz lejn il-persuna tal-President mentri l-mod kif hija nkwadrata r-raba' akkuza ma hija xejn felici 'il ghaliex tista' tigi nterpretata li kull min juza kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw jew jinsultaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta ikun hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 72, imma dak mhux li ried il-Legislatur.  Il-Legislatur enfasizza li jrid ikun hemm l-intenzjoni tad-Disprezz u bejn li jkollok l-intenzjoni tad-Disprezz u bejn li tghid xi kliem li jistghu jigu nterpretati li qed iweggghu jew imaqdru jew iwaqqghu ghaz-zufjett lil xi hadd hemm differenza sostanzjali u ghalhekk anka ta' din ir-raba' akkuza taht din is-seba' raguni ghala l-Imputat / Appellanti qed jappella, **Norman Lowell** zgur li m'ghandux jinstab hati ***strettament minghajr pregudizzju*** ghall-eccezzjonijiet ***in linea preliminari*** li diga' gew sollevati.

### viii. ***<u>It-Tmien Raguni tal-Appell</u>***

### Provi u Pieni

90. Illi f'din it-tmien raguni ghala l-Imputat / Appellanti qieghed jappella hemm l-analizi tal-provi li ngabu fl-assjem tal-Atti Processwali li bis-Sentenza b'kollox ta' mija u sbatax –il pagna nsibu hames mija u tlieta u tletin faccata li minnhom jekk taqta' l-mija u sbatax –il

faccata tas-Sentenza li minn din is-Sentenza l-ewwel tlieta u disghin pagna kienu purament riproduzzjoni ta' x'qalu diversi xhieda fil-mori ta' din il-kawza, naraw li kien hemm mhux anqas minn erba' mija u sittax –il pagna li jikkompilaw komprensivament l-Atti Processwali ta' din il-kawza.

91. Illi diga' gie accennat fir-ragunijiet tal-Appell illi nghataw precedentement ghal din attwali li dawn l-erba' akkuzi qatt ma kellhom jigu abbinati flimkien, certament hemm distakk bejn ir-raba' akkuza u l-ewwel tliet akkuzi billi dawn tal-ahhar gew mibnija fuq l-Artikolu 82A tal-Kodici Kriminali w ir-raba' akkuza fuq l-Artikolu 72 tal-Kodici Kriminali w il-Prosekuzzjoni ghamlet tentattiv xejn konvincenti fil-fehma umli tal-Imputat / Appellanti li permezz ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 setghu b'xi mod jigu mghaqda l-Artikoli 72 u 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghaldaqstant fuq is-sottomissjonijiet fuq dawn il-punti l-Imputat / Appellanti ma jistax jenfasizza bizzejjed u jigi mitlub umilment lil din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell illi huwa jigi lliberat minn kull osservanza apparti mill-fatt li f'dan is-sens il-proceduri jistghu ikunu nulli u certament f'dak il-kaz is-Sentenza tal-Ewwel Qorti hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli. Din hija t-tezi li l-Imputat / Appellanti certament bir-rispett kollu u bl-akbar umilta' qed jishaq fuqha.

92. Illi umbaghad hemm ukoll il-kwistjoni tad-data mit-30 ta' April tigi sostitwita bit-3 ta' April tas-sena 2006 u dwar din id-data saret ukoll sottomissjoni f'certu dettal billi l-Imputat / Appellanti jirritjeni u bir-ragun kollu li saret ingustizzja kbira mieghu meta l-Prosekuzzjoni kienet ilha li ghalqet il-provi, umbaghad iddepona hu u qal li kellu jghid w esebixxa d-Dokumenti kollha li kellu jesebixxi w il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni w il-Qorti laqitilha t-talba f'Digriet appozitu li sar referenza ghalih imma li wkoll bir-rispett kollu ma kien konvincenti xejn.

93. Mela hawnhekk naraw dejjem bl-akbar rispett li l-Ewwel Qorti issa li ghandna s-Sentenza f'idejna tas-27 ta' Marzu, 2008 dejjem f'dan il-kaz partikolari qisha rat lilha nnifisha bhala l-ghodod bilancjuzi li riedet izzomm it-tezi tal-Prosekuzzjoni l-hin kollu fuq saqajha anka meta kien evidenti li d-Difiza kienet qeghda tindika l-hin kollu kif iprosegwiet din il-kawza li l-Prosekuzzjoni mhux biss ma kellhiex provi imma dak li hasbet illi kienu

provi li kellha l-Prosekuzzjoni ma kien xejn ghajr l-ezercizzju tad-drittijiet u libertajiet fundamentali li kull individwu ghandu f'pajjizna bhala pajjiz Demokratiku, u li fuq kollox ma kienx hemm l-ingredjenti ta' kriminalita' mehtiega fl-Artikoli 82A u 72. Huwa rrelevanti bir-rispett kollu li noqoghdu nghidu li din kienet l-ewwel darba li tressqu kazijiet bhal dawn quddiem il-Qrati taghna partikolarment fir-rigward tal-Artikolu 82A imma li bniedem jigi kkastigat severament ghal dak illi tenna u bazikament nibghatuh il-habs, intellfuh mid-dritt fundamentali tieghu tal-liberta' personali u nissospenduhielu ghal perjodu sostanzjali ta' erba' snin ifisser lil dan ir-ragel ghalaqnieh illi jkun jista' jezercita d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu, u jekk **Awtur** u **Artist** u **Profeta Vizjonarju** taqtghalu l-liberta' li huwa jista' jikkomunika f'dak illi jhoss, mhux qisna nkunu qed naghmlulu bir-rispett kollu kif l-istorja ghamlet lil persuni jew entitajiet prominenti li ghax qalu kif jahsbuha spiccaw maqtula u qabel ittorturati u flagelatti sa ma umanament mietu?

94. Illi dan huwa kaz serjissimu li d-Difiza haditu bl-akbar serjeta' sa mill-bidunett kif jippruvaw l-Atti Processwali imma qatt ma haseb l-Imputat / Appellanti li fl-ahhar meta nigu biex il-gustizzja tidher li qed issir, jidher li kien hemm bir-rispett kollu l-Qorti li deherilha li fl-interess tal-gustizzja hija kellha tkun id-difensur tal-Prosekuzzjoni li certament u bir-rispett kollu dan ma jinkwadrax ruhu fl-ambitu tal-Ligi Kriminali fejn il-funzjonijiet ta' Qorti Kriminali huma ben precizi u ghandhom jigu addottati certament mhux bil-mod kif gew interpretati w adottati fis-Sentenza li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern.

95. Infatti anka jekk mill-istess Sentenza naraw minn a fol. 74 sa a fol. 93, meta nghidu minn pagna 74 sa pagna 93 dejjem tas-Sentenza citata, naraw li ebda wiehed mid-diversi xhieda distinti imtella' bhal Jonathan Paul Cuschieri jew l-istess Kummissarju tal-Pulizija JOHN RIZZO jew il-prezentatur televiziv / gurnalist maghruf LOU BONDI kif ukoll xhieda ohra li tella' l-Imputat biex jiddeponu bhall-Bank Manager JOSEPH SCICLUNA u Manager iehor GODWIN MICALLEF hadd minnhom dawn ix-xhieda ma qal jew irrefera ghal xi haga jew ikkonkluda xi hsieb jew xi fatt li b'xi mod jinkwadraw ruhhom f'dawn l-erba' akkuzi. Infatti huwa rilevantissimu li wiehed jghid f'dan l-istadju illi l-poplu Malti w Ghawdxi tista' tghid fil-parti l-kbira tieghu (98.5%) lanqas biss ma qatt kienu jisemghu bl-artikolu "**Coming Cataclysmic Crisis**", jew bil-Moviment Politiku ***Imperium Europa*** jew bl-Organizzazzjoni

***Viva Malta*** jew bil-laqghat li l-Imputat ikollu ma' erbat ihbieb tieghu fejn joqoghdu dawn il-hbieb jisemghu lill-Imputat ikellimhom : hadd ma kien ikun jaf b'xejn dwar dan 'il ghaliex anka c-cifra ta' 98.5% hija wahda generozissima, kieku ma kienx hemm dawn il-katina ta' artikoli f'gurnal partikolari li diga' sar accenn ghalih aktar 'il fuq f'dan ir-Rikors tal-Appell odjern, proprju fir-raguni tal-Appell precedenti ghal din it-tmien wahda, u li din il-katina ta' artikoli li fuq tlieta minnhom l-Imputat / Appellanti qed jaghmel Libell lill-Gurnal Malta Today u lil tliet gurnalisti tieghu inkluz l-Editur dak iz-zmien u li llum dawn it-tliet gurnalisti kollha saru Edituri fl-organizzazzjoni tal-pubblikazzjoni ta' diversi gurnali fejn jigi ppublikat il-Malta Today, u li minn dawn il-katina ta' artikoli l-Prosekuzzjoni ftit jiem wara arrestat lil **Norman Lowell** u ressqitu l-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2006, kieku l-poplu Malti ghadu sajjem u bir-rispett kollu totalment nexxjenti (is-sinonoma tal-injoranza) dwar dawn il-fatti kollha : ironikament mela kienet il-Prosekuzzjoni li tat pubblicita' lil **Norman Lowell**, li ghamlet dan il-kjass kollu, li riedet tuza lill-Imputat biex taghti ezempju bih u li bir-rispett kollu ghandna s-Sentenza tal-Ewwel Qorti xejn felici fil-konkluzjonijiet taghha 'il ghaliex l-Ewwel Qorti hadet rwol li certament m'huwiex dak ta' Qorti Kriminali!

96. ***Illi l-Imputat / Appellanti, l-Awtur / Artist / Profeta Vizjonarju w il-Konsulent Legali tieghu Dr Emmy D. Bezzina ghandhom l-akbar rispett lejn il-Qrati tal-Gustizzja taghna u f'dan il-kaz partikolari lejn l-Ewwel Qorti u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Illi huma kellhom, ghandhom u jibqa' ikollhom fiducja shiha fl-operat tal-Qorti biex tkun dik il-fruntiera lil hinn minnha akkuzat jassigura ruhu li fis-socjeta' taghna ser ikollu gustizzja imparzjali u mhux pregudikata b'ebda twemmun jew inklinazzjoni jew determinazzjoni jew missjoni partikolari. Illi l-Qrati li jamministraw l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dak li jimplikaw l-Artikoli fil-Kodici Kriminali taghna ghandhom din il-funzjoni krucjali 'il ghaliex ic-cittadin irid ihossu mhares u protett mill-Awtoritajiet Kompetenti tal-pajjiz bhal ma huma l-Pulizija li qeghda hemm biex tara li jkollna l-ewwel u qabel kollox kif tghallimna b'esperjenza kbira din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali l-buon ordni w il-paci pubblika, u li c-cittadin ordinarju specjalment u kull min ikun qieghed fit-territorju tar-Repubblika ta' Malta u anka tal-Unjoni Ewropeja issa, partikolarment wara l-Ftehim li gie issa in vigore ta' Schengen, importanti li kulhadd ihossu protett u li kulhadd ikollu fiducja fl-imparzjalita' u***

***l-indipendenza tal-hsieb tal-Qorti Kriminali li min ikun hati bil-provi jigi somministrat lilu jew lilha piena adekwata ghal dak ir-reat ippruvat imma ma tistax tigi ssomministrata piena bhala deterrent biex akkuzat li fil-verita' ma jkunx hati jigi ppenalizzat biex joqghod attent kif fil-futur sejjer jahseb u kif sejjer jitkellem u kif l-opinjoni tieghu jew taghha tigi kkomunikata! Din tal-ahhar bir-rispett kollu – LE!***

97. Illi s-socjeta' Maltija llum nirringrazzjaw lil Alla hija socjeta' evoluta hafna minkejja l-enfasi taghna fuq il-kriterji ta' valuri nsara li certament ghal min huwa onest u sincier ma jarahomx iprattikati fil-veru sens tal-kelma mhux biss minn diversi istituzzjonjiet nazzjonali, imma minn lokalitajiet shah u allura ma nistghux bhala socjeta' noqoghdu siekta u kwieta fil-konfront ta' istituzzjonijiet nazzjonali u lokalitajiet shah illi mhux qed jghidu ma jaqblux mal-valuri insara ta' pajjizna imma fil-prattika ma jiprattikawhomx, anzi imorru fin-naha l-ohra estrema taghhom : umbaghad ghax l-Imputat / Appellanti f'ambjent hieles u mhux provokanti, f'ambjent pacifiku ta' bejn il-hbieb lissen erba' kelmiet u kiteb artikolu profond li hadd ma kien ikun jaf bih hlief il-ftit pero' li fil-verita' fil-parti l-kbira ma fehmu hadd, jigi kkundannat sentejn habs sospizi ghal erba' snin meta dan l-invidiwu ma ghamel xejn hlief ezercita d-drittijiet u libertajiet fundamentali tieghu bl-aktar mod diskret. **Il-pubblicita' u d-difuzjoni ta' dawn il-hsibijiet, ta' dawn id-diskorsi, ta' dawn il-kitbiet ghamlithom biss il-mezzi tal-komunikazzjoni w il-Prosekuzzjoni permezz ta' din l-akkuza bla bazi legali u fattwali,** u hawn bl-akbar umilta' fejn naqset l-Ewwel Qorti li ghamlitha cara li l-konvenzjonijiet personali taghha ghandhom ikunu applikati fir-regjun ta' interpretazzjoni ta' Artikoli fil-Kodici Kriminali li ma jistax ikun isir fil-qasam tal-implimentazzjoni ta' pieni kriminali li ma jkunux ibbazati fuq provi li ma jhallu lanqas l-icken farka dubju li l-Imputat / Appellanti huwa hati. Dak li ma sarx fis-Sentenza tal-Ewwel Qorti!

98. Illi llum is-socjeta' Maltija mhux biss hija evoluta imma bir-rispett kollu s-Sentenza tal-Ewwel Qorti insulentat sa certu punt lis-socjeta' Maltija 'il ghaliex il-Qorti haditha fuq spallejha li tiddetermina hi kif persuna ghandha titkellem pubblikament biex ma ssirx hsara lis-socjeta' u dak huwa tantamonti ghal censura lill-poplu hieles w intelligenti tar-Repubblika ta' Malta. Illum ghandna socjeta' fejn fi programmi televizivi, fi programmi tar-radju, f'wirjiet tejatrali fit-Teatru Nazzjonali u teatri ohra, fic-cinematografija, f'diskussjonijiet

pubblici, f'kitbiet li jigu ppublikat, fit-tahdidiet bejn ic-cittadini fil-pajjiz, fil-mezzi kollha tal-komunikazzjoni, hemm certu liberta' ta' kitba, b'hafna insinwazzjonijiet li numru minnhom ikunu infondati jew mahluqa jew ibbazati fuq hsibijiet ta' fatti li ma jkunux inftehmu : x'ha naghmlu allura?  Ser noqoghdu narrestaw u nikkarceraw issa lil kull min jesprimi l-hsieb li ghandu?  Jew irridu nidhlu aktar fil-fond u nezaminaw jekk dak il-hsieb tabilhaqq fil-kaz odjern affettwax l-opinjoni pubblika ghal dik li hija mibeghda razzjali, jekk ma rridux naccetaw li l-hsieb li gie espress jista' ikun il-hsieb ta' parti sostanzjali mill-poplu Malti w Ghawdxi ghal min jaf il-verita' u ghal min idur u jisma' lehen il-poplu komuni jitkellem?!  Illum fis-socjeta' Maltija tant ahna espliciti u tant ahna cari f'certu diskors illi jsir anka pubblikament li certament is-Sentenza tal-Ewwel Qorti kexkxet, litteralment kexkxet lill-Imputat / Appellanti, lill-Konsulent Legali tieghu, u lil parti sostanzjali tal-poplu Malti w Ghawdxi li ghadhom sallum ma jistghux jifhmu ghala **Norman Lowell** intbaghat sentejn habs sospizi ghal erba' snin meta dan m'hu veru xejn kien responsabbli ghal xi qawmien ta' mibeghda razzjali jew li b'hekk holoq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha titqajjem mibeghda razzjali, jew li kellu xi intenzjoni ta' disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta : hafna u hafna lil hinn 'il boghod minn hekk hija l-verita', u allura l-Ewwel Qorti zbaljat l-aprezzament taghha ta' dak li fil-verita' ma kienu provi xejn u zbaljat ukoll bir-rispett kollu billi l-Ewwel Qorti deherilha li hija kellu tiehu r-responsabilita' li l-poplu taghna ma jweggghax, li l-poplu taghna huwa dghajjef bizzejjed li sejjer jigi influwenzat minn xi haga anka minghajr intenzjoni li seta' tenna **Norman Lowell**, jew li l-ghaziz President tar-Repubblika taghna hassu b'xi mod offiz, meta dan u dawn huma kollha kongetturi fil-hsibijiet tal-Prosekuzzjoni li taghha ghamlithom ukoll l-Ewwel Qorti u ghalhekk din il-konkluzjoni xejn gusta tal-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha li apparti milli jigi enfasizzat hija nulla, imma jekk ghall-grazzja tal-argument ma kellhiex tigi dikjarata nulla, certament ma kellhiex tinghata l-piena harxa u kiefra li nghatat li hija denja biss ta' Qorti ta' Inkwizizzjoni u tehodna lura ghal zminijiet meta minghajr ebda provi inti sempliciment tintbaghat biex tigi mahruq haj jew ittorturat sal-mewt sempliciment biex isservi ta' lezzjoni u ta' deterrent ghal haddiehor jew ghall-ohrajn biex b'hekk haddiehor jew l-ohrajn jibqghu halqhom maghluqa u millum 'il quddiem jibdew joqoghdu attenti kif ser jitkellmu u x'ser jghidu, kif ser icaqilqu idejhom u rashom u ghajnejhom u halqhom, u kif sejrin jesprimu l-hsibijiet u l-komunikazzjonijiet taghhom : kif trid li l-Imputat / Appellanti,

l-Avukat Difensur tieghu u parti sostanzjali tal-poplu Malti w Ghawdxi ma jibqghux imkexkxin bil-konkluzjonijiet ta' din is-Sentenza li haditna lura mhux biss f'sekli ohra, imma fi zminijiet ohra, f'mentalitajiet ohra, meta certu crieki fis-socjeta' kellhom interess li jipprotegu l-posizzjoni taghhom billi jzommu l-halq tal-poplu taghhom f'dawk is-socjetajiet maghluq b'mod mill-aktar rigidu u b'hekk ikunu jistghu jghidu li fis-socjeta' taghhom hemm paci u trankwilita' u l-ebda oggezzjoni jew opposizzjoni mill-ebda kwartieri!

99. Illi diga' saru sottomissjonijiet fir-ragunijiet precedenti ghala qieghed isir dan l-Appell mill-Appellanti / Imputat li jintrospettaw fuq l-argument li l-proceduri huma nulli w invalidi, ineffettivi u ma setghux jipprocedu u ma setghux jitmexxew kif tmexxew u d-Difiza fil-mori tal-kawza kif indikat eccepiet formalment dawn l-eccezzjonijiet kemm fir-rigward tal-erba' akkuzi, kemm fir-rigward fid-data fl-ewwel akkuza, kemm fir-rigward li hawn mhux veru kellna reat kontinwat u reat wiehed u li ma kienx hemm bazi li l-Artikolu 18 jigi ccitat biex jiggustifika l-inkluzjoni tal-Artikoli 72 u 82A sub-artikolu (1) u sub-artikolu (2) f'kaz wiehed b'erba' akkuzi.

100. Illi sar ukoll accenn illi kien hemm differenzi sostanzjali bejn kull wahda mill-erba' akkuzi w ghaldaqstant gie sottomess li mhux biss il-proceduri huma nulli w invalidi, kif ukoll ineffettivi imma anka is-Sentenza f'dan ir-rigward hija null w invalida, ineffettiva u ma tistax tigi enforzata.

101. Illi oltre dan pero' hemm bir-rispett kollu l-posizzjoni legali li hadet l-Ewwel Qorti li qed jigi sottomess marret oltre l-funzjoni ta' Qorti Kriminali u kwindi agixxiet ***ultra vires*** ghar-ragunijiet ukoll li gew indikati. Illi ghaldaqstant meta nigu ghat-Tielet Taqsima ewlenija ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern u cioe' **It-Talbiet** zgur li sejra ssir it-Talba ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008. Issa pero' hemm raguni ohra ghala qed jigi sottomess li din il-kawza b'erba' akkuzi fiha pproduciet Sentenza mill-Ewwel Qorti li hija wkoll nulla w ineffettiva, invalida u mhux enforzabbli ghaliex jekk ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tikkonkludi li fuq l-eccezzjonijiet fundamentali rigwardanti procedura u kontenut ma hemm xejn li b'xi mod jiggustifika d-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-proceduri kollha jew tas-Sentenza citata, jekk

ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tara li ma hemmx bazi legali u fattwali ghal dan, jibqa’ punt importantissimu li jrid jigi analizzat minn din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali billi l-Imputat / Appellanti qieghed jissottometti li s-Sentenza hija wkoll nulla minhabba l-fatt baziku li l-Ewwel Qorti naqset espressament li tikkundanna lill-Imputat / Appellanti ghal kull wahda mill-erba’ akkuzi kontra tieghu, li huwa obbligu ta’ Qorti Kriminali li taghmel dan skond il-procedura kriminali u li in mankanza ta’ dan jirrendi s-Sentenza nulla.

102. Illi r-ragunar ta’ dan l-argument huwa msejjes fuq il-fatt illi jekk ghall-grazzja tal-argument l-Imputat / Appellanti jiddeciedi li considerando li hemm erba’ akkuzi kontra tieghu f’kawza wahda jappella per ezempju minn wahda jew tnejn minn erba’ akkuzi (dan qed jinghad biss bhala ezempju ghall-grazzja tal-argument), imkien ma jirrizulta mis-Sentenza citata tal-Ewwel Qorti li l-Imputat / Appellanti jkun jaf jekk instab hati ta’ wahda mill-akkuzi li jrid jappella minnha, x’piena inghata, u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tghallimna li jekk akkuzat jinstab hati wara provi li ma jhallu ebda dubju tal-htija tieghu, il-Qorti Kriminali trid tistabilixxi b’mod jew iehor piena li tkun cara, esplicita u kategorika.

103. Illi wara li l-Ewwel Qorti tiehu qaghda kategorika f’pagna 97 tas-Sentenza citata meta hija tesprimi opinjoni qabel tikkundanna ta’ Disprezz lejn l-Imputat / Appellanti fit-tieni paragrafu, wara li bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti tizvijja xi ftit mill-Artikoli 82A u 72 tal-Kodici Kriminali u timrah fil-qasam tal-**Libell** u l-**Ingurja** li fil-fehma umli tal-Esponenti m’huma relatati xejn ma’ dawn iz-zewg Artikoli li gew utilizzati kontra l-Imputat / Appellanti, l-Ewwel Qorti f’pagna 99 tenfasizza li ‘huwa ta’ importanza kbira li l-Qorti tipprova tiddixerni dak li cittadin ta’ intelligenza ordinarja u normali, jifhem meta jaqra l-artikolu inkriminanti jew jisma’ lill-Imputat fid-diskors li ghamel’, u l-Ewwel Qorti diga’ giet assigurata li kieku ma kienetx ghall-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz u ftit jiem qabel ma gie arrestat l-Imputat / Appellanti katina ta’ artikoli li nkitbu f’gurnal li dak iz-zmien kien jigi ppubblikat biss bl-ilsien Ingliz kull nhar ta’ Hadd, kieku hadd ma kien ikun jaf jew isir jaf la bl-artikolu ‘**Coming Cataclysmic Crisis**’ u wisq anqas bil-laqghat bejn il-hbieb, ftit hbieb, li jiltaqghu biex jiehdu pjacir flimkien f’dawn id-diskorsi li l-Imputat ihobb jaghmel lic-cirku ta’ hbieb ta’ madwaru f’dawk li gew indikati bhala ***Monday Club Speeches*** u mhux Beaches

kif inkiteb fis-Sentenza citata, wiehed mir-ruxxmata zbalji ortografici u ta' referenzi li hemm fis-Sentenza li bir-rispett kollu studjuzi li flewha baqghu stupefikati kif jista' johrog Dokument b'Sentenza hekk importanti ghall-istorja kriminali f'pajjizna mizghuda b'daqshekk zbalji mhux biss ortografici imma anka fir-rigward tar-referenza ta' dak li suppost kien qed jigi aggudikat dwaru l-Impuatat / Appellanti, fejn per ezempju deher car illi l-kontenut tal-***Coming Cataclysmic Crisis*** *ma nftiehemx* billi r-referenza ghal dak l-artikolu m'hijiex ghall-Musulmani imma ghall-Lhud, invece fis-Sentenza nsibu li dan huwa artikolu referenzjali ghall-Musulmani meta zgur mhux il-kaz : u hawn nergghu nirrepetu bir-rispett, jekk inti ma tifhimx lil min qed tiggudika, kif tista' tiggudikah? Pilatu ghax ma fehemx lil min kien qieghed jiggudika x'ghamel? : Taqbel jew ma taqbilx mieghu skond ir-rakkonti Bibblici hasel idejh……hawnhekk bir-rispett kollu ma hsilniex idejna, imma kkundannajna bniedem minghajr ma tajna kaz bir-rispett kollu tac-cirkostanzi tieghu, li wara kollox dawn ic-cirkostanzi skond l-Artikoli citati kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni, u li ma huwa minnu xejn il-kummenti konklussivi u li jweggghu li ghamlet l-Ewwel Qorti fil-konfront tieghu, billi l-Imputat / Appellanti ma jisthoqqlux li jigi ddisprezzat talli esprima dak li haseb fuqu u kkomunikah imma minghajr ma jinkwadra fl-elementi essenzjali kriminali tal-ebda wiehed miz-zewg Artikoli li tahthom tressaq arrestat l-Imputat / Appellanti.

104. Illi ma huwa minnu xejn li l-Imputat qed jipprova jirredikola lin-nies li jigu mill-Afrika, illi jekk wiehed jaqra sew l-artikolu "**Coming Cataclysmic Crisis**" jara li mhux veru dan huwa l-messagg, bhal ma huwa ovvju li ma nftiehemx il-messagg tal-Imputat / Appellanti dwar kif huwa jhares lejn id-dinja u partikolarment lejn il-Kontinent tal-Ewropa, u allura kif tista' ssejjahlu dan trattament razzjali? Meta l-Imputat fisser car li hu m'huwiex razzist u ta d-differenza bejn kuncetti li l-poplu in generali u min mhux profond ma jifhimx bejn wiehed li hu razzist u wiehed li jikkummenta fuq id-diversi razez, li m'humiex l-istess haga : invcece bir-rispett kollu s-Sentenza tal-Ewwel Qorti wriet proprju li din id-distinzjoni ma saritx.

105. Illi li qed jigi kkomunikat f'din il-fazi ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern huwa li l-Ewwel Qorti kkonkludiet per ezempju f'pagna 108 tas-Sentenza citata li 'ma hemmx dubju li dan l-artikolu wkoll huwa wiehed li jirrifletti l-mibeghda razzjali li ghandu l-Imputat', meta

dan m'huwiex dak li johrog bhala ingredjent essenzjalment fil-qasam kriminali li nsibu f'Artikolu 82A, u li l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti f'pagna 107 li l-Imputat / Appellanti jirrifletti l-vizjoni tieghu fl-Artikolu li kiteb li hi pero' vizjoni razzista skond l-Ewwel Qorti w allura l-Ewwel Qorti qeghda tghid li f'Malta taghna issa jekk ghall-grazzja tal-argument ha naccettaw li din hija konkluzjoni gusta mill-Ewwel Qorti, jekk bniedem ihoss li ghandu jikteb kif ghandu jikteb, dak ma jistax jaghmlu, meta dan imur kuntrarjament ghall-Kostituzzjoni ta' Malta w ghall-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu u ghal diversi Sentenzi li kellna mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem li facilment jistghu jigu ricerkati. L-Artikolu 82A ma jghidx hekk kif diga' gie mfisser u sottomess f'diversi fazijiet ta dan ir-Rikors tal-Appell odjern.

106. Illi l-istess jekk naraw it-tahdidiet bejn il-hbieb, id-diskorsi bejn il-hbieb li ghamel l-Imputat / Appellanti fit-3 ta' April u fit-8 ta' Mejju, fir-Rabat – Nigret u fil-Fra Ben – Qawra fis-sena 2006 li dwar dawn l-Ewwel Qorti f'pagna 106 tenniet 'illi ma hemmx dubju li min isegwi dawn id-diskorsi, minnufih jinduna li l-Imputat qed jipprova jirredikola n-nies li jigu mill-Afrika u certament jitfa' dell fuqhom ghad-differenza tal-Ewropej. Zgur li dan it-trattament huwa wiehed razzjali u jaqa' fil-parametri tal-Artikoli tal-Ligi moghtija mill-Avukat Generali.'

107. Illi dan ma huwa minnu xejn u l-Ewwel Qorti qed taqra bir-rispett kollu interpretazzjoni fl-Artikoli suggeriti mill-Avukat Generali li ma humiex f'simetrija mal-kontenut tal-Artikolu 82A imma li hu importanti f'dan l-istadju li fl-ebda mument bejn pagna 99 tas-Sentenza citata u pagna 108 tas-Sentenza citata fl-ebda mument ma l-Ewwel Qorti tghid li sabet lill-Imputat / Appellanti hati u kkundannatu fir-rigward tal-ewwel akkuza, it-tieni akkuza w it-tielet akkuza, kif skond il-procedura kriminali l-Ewwel Qorti kienet obbligata li taghmel, u dan ghal raguni ovvja u logika li jekk ghall-grazzja tal-argument l-Imputat / Appellanti deherlu li ried jappella minn xi wahda biss minn dawn it-tliet akkuzi, ma jafx fuq hiex instab hati jekk hu l-kaz ghax kull ma ghandu fehma tal-Qorti li m'hijiex abbinata mal-kontenut tal-Artikolu 82A u ma jafx x'gie kkundannat fuq dik l-akkuza

partikolari l-Imputat.  Dan evidentament jirrendi s-Sentenza nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli.

108. Illi l-istess f'pagna 108 tas-Sentenza citata l-Qorti wara li taghmel distinzjoni carissima bejn l-Artikolu 82A u 72 li l-istess Qorti indirettament qed tikkonferma li m'hemm ebda rabta jew rizoluzzjoni wahda bejn il-kontenut ta' dawn iz-zewg Artikoli billi certament il-President ta' Malta jappartjeni lill-istess gens tal-Imputat / Appellanti u allura m'hemmx dubju li l-Artikolu 18 ta' reat wiehed u reat kontinwat ma jreggix hawn, kif qed tikkonfermalna l-istess l-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha, imma bir-rispett kollu l-konkluzjonijiet li taghmel l-Ewwel Qorti difficli biex tifhmu meta f'pagna 109 ghaliex l-Imputat Appellanti jghid li l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta jista' jkun ukoll l-Eccellenza Tieghu l-President tal-Afrikani, wiehed hawn qed jikkonkludi bir-rispett kollu min qieghed se mai ikun razzist, l-Imputat / Appellanti, jew l-implikazzjoni li 'il ghaliex jekk ahna nsejhu l-President ta' Malta bhala l-Eccellenza Tieghu l-President tal-Afrikani nkunu qed ninsultawh b'daqshekk?  Allura fil-mohh ta' min hemm il-kuncett ta' razzizmu?  Fil-mohh tal-Imputat / Appellanti jew fil-mohh ta' min qed jikkonkludi 'il ghaliex jekk Malti jsejjah lill-President ta' pajjizu bhala l-Eccellenza Tieghu il-President tal-Afrikani, allura b'hekk inkunu qeghdin niddisprezzaw lill-persuna tal-President ta' Malta? : Bir-rispett kollu argument illi ma fihx logika bhal ma mhux logiku 'il ghaliex l-Imputat / Appellanti b'certu ironija jirreferi ghall-President tar-Repubblika bhala gardinar ghaliex izomm il-gonna ta' San Anton fi stat tajjeb hafna, bir-rispett kollu fuq liema kategorija Qorti tigi tghid lill-Imputat / Appellanti li din m'hijiex referenza xierqa u m'ghandux jigi indirizzat lejn il-kariga ta' President ta' pajjiz, qisu li nsejhu lil xi hadd gardinar allura qed niddimeritaw lill-persuna li nindirizzawh hekk : bla dubju ta' xejn dan ma jinkwadrax fil-hsieb li trid il-ligi fl-Artikolu 72 ilil jrid ikun hemm atteggjament tabilhaqq disprezzanti, kwazi mimli mibeghda lejn il-persuna tal-President ta' Malta, imma mhux li c-cittadin Malti ma jistax isejjah lill-President ta' pajjizu gardinar, jew jghidlu l-Eccellenza Tieghu il-President tal-Afrikani!  Dan ma kienx il-hsieb zgur tal-Legislatur, inkella ma nibqghux Demokrazija, 'il ghaliex huwa dritt sagrosant ta' kull individwu f'pajjiz Demokratiku li jesprimi lilu nnifsu kif irid anka in konformita' ma' diversi Sentenzi mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet u Libertajiet tal-Individwu.  Invece bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti f'pagna 110 wara li terga' taghmel

distinzjoni bejn l-Artikolu 82A u 72, u hawn l-Imputat / Appellanti jaqbel li l-akkuzi kienu serjissimi, imma li hu ma kienx hati ta' dawk l-akkuzi u li min kellu jipprova l-htija ma prova xejn, imma li kienet l-istess Qorti li kkonkludiet fuq evalwazzjoni purament soggettiva taghha u mhux oggettiva li l-Imputat kien hati 'il ghaliex kif naqraw f'pagna 110 "il-Qorti thoss illi ghandha tipprotegi r-razez kollha li jinsabu f'pajizna, anka dawk li jinsabu f'minoranza, u dan ghaliex hija ghandha tipprotegi kull cittadin tal-pajjiz, irrispettivament mill-kulur, razza jew religjon. L-akkuza kontra l-Eccellenza Tieghu il-President ta' Malta hija serja ghaliex tista' tikreja kaos u instabilita' fil-pajjiz" : kliem sabih w edifikanti u rakkomandabbli mill-Ewwel Qorti, imma dak ma kienx il-funzjoni tal-Ewwel Qorti bhala Qorti Kriminali li tiddikjarah 'il ghaliex l-Ewwel Qorti kellha funzjoni wahda, u cioe' min akkuza ipprova li l-akkuzat kien tabilhaqq hati tal-akkuzi migjubin kontra tieghu? U t-twegiba bl-aktar mod kategoriku l-Imputat / Appellanti jissottometti kienet fin-negattiv, u allura l-Imputat / Appellanti kellu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.

109. Illi ma hemmx ghalfejn jinghad bl-akbar rispett li l-istqarrija tal-Ewwel Qorti f'pagna 110 li l-akkuza kontra l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta hija serja ghaliex tista' tikkreja kaos u nstabilita' fil-pajjiz trid tittiehed fid-dawl li xi hadd jinstab hati li veru jrid jiddisprezza l-persuna tal-President tar-Repubblika u mhux jghid xi haga illi l-mohh normali tac-cittadin sempliciment jitbissem u jehodha bhala cajta, u dan li sfortunatament l-Ewwel Qorti m'ghamlitx li b'intenzjoni tajba riedet tkun dawl biex tipprotegi dak li huwa stabbli fis-socjeta' taghna u tqieghed lil nies fuq pass kawtelatorju ghal meta wiehed jigi biex jikteb jew jesprimi hsieb w opinjoni w il-mod kif dawn jigu kkomunikati : dan certament m'huwiex accettabli f'Demokrazija billi din kienet battalja tal-Imputat / Appellanti mhux biex jikser il-ligijiet ta' Malta jew li kiser l-Artikoli partikolari li tressaq arrestat fir-rigward tal-kontenut taghhom, imma biex jindika li ghandna bzonn ta' tahrig illi aktar u aktar issa bhala pajjiz Membru Shih tal-Unjoni Ewropeja, dawn it-tip ta' rimarki huma komunissimi fl-Ewropa kollha 'il ghaliex kieku Franza, Spanja, il-Portugall, l-Ingilterra, l-Istati Uniti, l-Italja, l-Irlanda, il-Germanja, l-Awstrija u tibqa' sejjer bil-lista shiha tal-pajjizi Ewropej kieku dawn m'humiex il-pajjizi evoluti fil-hsieb u l-komunikazzjoni tal-hsieb u l-opinjoni li huma llum. Ghalhekk taht l-ebda cirkostanza qatt ma kien hemm xi kaz suxxettibli ghal azzjoni kriminali kontra l-Imputat / Appellanti **Norman Lowell**.

110. Illi ghaldaqstant anka fir-rigward tal-Artikolu 72 tal-Kodici Kriminali l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx li sabet lill-Imputat hati u kkundannatu permezz ta' xi forma ta' piena. Ghalhekk jekk ghall-grazzja tal-argument l-Imputat / Appellanti jrid jappella talli nstab hati per ezempju fuq dan l-Artikolu biss, m'ghandux il-possibilita' li jaghmel dan ghax l-Ewwel Qorti ma segwietx il-format li persuna jekk tinstab hatja trid tinghata piena. Li ghamlet l-Ewwel Qorti hu li f'pagna 110 tennietilna x'piena jgib mieghu l-Artikolu 82 umbaghad hemm zball fatali iehor meta l-Qorti f'pagna 110 tas-Sentenza tirreferielna ghall-Artikolu 70 li naturalment m'ghandu x'jaqsam xejn mal-Artikolu 72 'il ghaliex l-Artikolu 70 fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda 'min ixewwex persuna ohra biex tikser il-ligi' u dak l-Artikolu jgib mieghu meta akkuzat jinsab hati l-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jew fil-kazijiet hfief, id-detenzjoni jew l-ammenda, imma l-Artikolu 72 huwa differenti mill-Artikolu 70 u fis-Sentenza citata li hu Dokument ufficjali, li hu Dokument li minnu qieghed isir l-Appell odjern, bir-rispett kollu mal-Lista twila ta' zbalji ortografici u referenzjali li hemm f'dik is-Sentenza, certament mhux accettabli jekk dan huwa zball li jsir dan l-izball, u allura hawnhekk enfatikament tizdied l-enfasi tal-Imputat / Appellanti tan-nullita' tas-Sentenza citata 'il ghaliex anka jekk wiehed jara a fol. 526 tal-Atti Processwali u cioe' pagna 110 tas-Sentenza citata bhala pagnar imma li tinsab f' a fol. 526 tal-Atti Processwali hemm indikat l-Artikolu 70 li tahtu qatt ma kien akkuzat zgur l-Imputat / Appellanti.

111. Illi l-Ewwel Qorti fl-ebda stadju mela ma taghmel referenza ghal kull wahda mill-erba' akkuzi separatament u ma taghmel ebda dikjarazzjoni ta' htija ghal kull wahda mill-erba' akkuzi separatament u ma taghmel ebda kundanna jew timponi xi piena fuq l-akkuzat Imputat / Appellanti ghal kull wahda mill-erba' akkuzi li tressaq bihom l-Appellanti, u hawn qed jigi sottomess li dan kien aspett baziku li kellu jissemma' fis-Sentenza apparti milli skond il-procedura ta' kif jitmexxew kawzi quddiem Qorti Kriminali imma anka ghal ragunijiet li ghadhom kif inghataw. Kull ma taghmel l-Ewwel Qorti hu li f'pagna 111 tghid li l-ewwel tliet akkuzi huma identici, meta mhux veru ma huma identici xejn, 'il ghaliex il-fatt li kollha skond l-Ewwel Qorti u skond il-Prosekuzzjoni huma naxxenti mill-istess Artikolu 82A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghmilhomx tliet akkuzi identici w

ghalhekk ma setghu qatt jigu nkorporati f'xulxin u applikat ghalihom l-Artikolu 18 ghar-reat kontinwat u dan huwa ovvju minn analizi ta' kull wahda minn dawn it-tliet akkuzi, li wahda sehhet f'data partikolari fin-Nigret gewwa r-Rabat, l-ohra allegatament sehhet f'lokalita' fil-Qawra u l-ohra kienet tikkoncerna artikolu li nkiteb snin qabel ma' dawn l-allegati reati li saru fin-Nigret gewwa r-Rabat jew fil-Qawra, u allura la seta' jigi applikat l-Artikolu 18 u lanqas seta' jigi applikat l-Artikolu 17B fil-kaz partikolari, din minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni ta' nullita' minhabba li l-akkuzat ma gie qatt iddikjarat misjub hati ta' kull wahda minn dawn it-tliet akkuzi u li sussegwentament gie kkundannat ghal xi forma ta' piena.

112. Illi sfortunatament dan wassal ghal ingustizzja li sehhet mal-Imputat / Appellanti meta skond l-Ewwel Qorti l-massimu li seta' jinghata l-Imputat oltre l-multa hija piena karcerarja ta' erba' snin : f'daqqa wahda bir-rispett kollu tibda tisthajjel fejn hija d-Demokrazija li tant nghozzu u dan qed jinghad bir-rispett kollu, billi huwa importanti li cittadin ikun jaf fejn qieghed u jkun jaf x'inhu permess f'pajjizna, u ghalhekk il-fiducja tal-Imputat / Appellanti issa qeghda f'din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

113. Illi interessantissimu huwa l-fatt li ghad illi l-Ewwel Qorti hasset li tiddikjara f'pagna 110 tas-Sentenza citata li "l-akkuza kontra l-Eccellenza Tieghu l-President ta' Malta hija serja ghaliex tista' tikreja kaos w instabilita'", imkien fis-Sentenza ma nsibu referenza, lanqas bl-aktar mod remot li l-Ewwel Qorti sabet lill-Imputat hati tar-raba' akkuza migjuba kontra tieghu li tajjeb li nenfasizzaw li din l-akkuza tghid "fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar, nhar it-8 ta' Mejju, 2006, uzajt kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw, jew jinsulentaw, jew imaqdru lill-persuna tal-President ta' Malta", mela l-parametri tal-akkuza kienu limitati ghall-Qawra fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar nhar it-8 ta' Mejju, 2008 u minn imkien ma jirrizulta li hemm xi abbeniment f'dan ir-rigward u b'mod espress b'enfasi fuq Artikolu 72 li l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghalih. Illi f'pagna 115 u 116 l-Ewwel Qorti ddikjarat li sabet lill-Imputat **Norman Lowell** hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu meta anka hawn l-Ewwel Qorti naqset li taghmel referenza ghar-raba' akkuza wara li ddikjarat li l-ewwel tliet akkuzi kienu naxxenti mill-istess Artikolu 82A u b'hekk l-Ewwel Qorti ggustifikat ir-referenza ghal Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-

rigward tar-raba' akkuza w l-Artikolu 72 l-Ewwel Qorti ma qalet assolutament xejn, u kwindi kien hemm nuqqas iehor procedurali li l-Ewwel Qorti tabbina dawn l-erba' akkuzi f'daqqa f'pagna 116 tas-Sentenza citata u minghajr ma l-Imputat / Appellanti ma gie ddikjarat hati espressament ta' kull wahda mill-erba' akkuzi jew jaf ghall-grazzja tal-argument il-piena li l-qorti kkunsiderat li kellu jiehu f'kull wahda mill-erba' akkuzi, sab piena karcerarja bhala kundanna fil-konfront tieghu ta' sentejn pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din giet sospiza ghall-perjodu ta' erba' (4) snin w umbaghad kien hemm bir-rispett kollu dik is-Sentenza li kexkxet anka l-aktar nies mithla fil-qasam tal-Ligi Kriminali 'u b'hekk din il-piena ghandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-Imputat jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur'!

114. Illi mela din hija t-tmien raguni ghala qieghed isir dan l-Appell fejn l-Appellanti qieghed umilment jissottometti li kien hemm obbligu tal-Ewwel Qorti li tidentifika akkuza b'akkuza, il-htija w il-piena a bazi tal-provi prodotti, li ma kienx hemm bazi legali li jkun hemm dawn l-akkuzi maghguna f'akkuza wahda jew f'kaz wiehed billi kjarament kif anka qisu accettat mill-Ewwel Qorti l-Artikolu 18 m'huwiex applikabbli, u minghajr l-icken dubju l-Artikolu 72 ma giex inkwadrat bl-ebda mod fil-konfront tal-Imputat l-ewwelnett billi kien hemm akkuza partikolari li tindika d-data tat-8 ta' Mejju fil-Fra Ben gewwa l-Qawra ghad illi ssemmiet il-Qawra biss, pero' fir-rankatura taghha l-Qorti biex taghti l-piena fuq l-erba' akkuzi f'daqqa, l-Ewwel Qorti nsiet taghmel referenza ghar-raba' akkuza u ghagnitha fil-konkluzjoni taghha bhala piena globali fuq l-erba' akkuzi li bir-rispett kollu dan jivjolixxi bl-aktar mod fundamentali d-drittijiet tal-akkuzat billi jerga' jigi sottomess kieku ghall-grazzja tal-argument l-Imputat **Lowell** ried li jappella fuq din ir-raba' akkuza biss, m'ghandux il-parametri li fihom jista' jappella skond kif tesigi l-Procedura Kriminali.

115. Illi dan jirrendi mela s-Sentenza tal-Ewwel Qorti nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli w ghaldaqstant raguni ohra ghala sejra ssir it-talba a bazi ta' Artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

### C. ***<u>Talbiet tal-Appellanti</u>***

116. Illi, ghaldaqstant, l-Imputat Appellanti **Norman Lowell** ta’ tnejn u sittin sena, iben il-mejjet Albert Lowell, detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 621346(M), filwaqt li jirreferi ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D., fil-kawza Kriminali “Il-Pulizija (Supretendent Peter Paul Zammit, Spettur George Cremona, Spettur Angela Caruana –vs- Norman Lowell”, Sentenza li nghatat nhar il-Hamis, 27 ta’ Marzu, 2008, b’referenza ghall-Artikoli 417 sub-artikolu (1) u 419 sub-artikolu (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liigijiet ta’ Malta, b’referenza ghat-tmien (8) ragunijiet ghala l-istess Appellanti qieghed jappella mis-Sentenza citata, qieghed umilment jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex :-

(a) Ikun hemm it-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri citata ta’ nhar il-Hamis, 27 ta’ Marzu, 2008, minhabba li din hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli ghad-diversi ragunijiet jew uhud minnhom skond kif jidhirlha din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, li gew sottomessi a bazi tas-sub-artikolu (1) (b) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali kif hawn fuq imfissra f’dan ir-Rikors tal-Appell odjern.

(b) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tilqa’ t-talba precedenti tal-Imputat / Appellanti, ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti, ordnijiet u direttivi pertinenti li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti w tordna fir-rigward tal-interessi tal-Imputat / Appellanti a bazi naturalment tal-pieni li gew imposti fuq l-Appellanti mill-Ewwel Qorti fis-Sentenza citata, partikolarment illi l-Appellanti ma jkun b’ebda mod marbut mal-ebda piena mposta mill-Ewwel Qorti f’pagni 116 u 117 tas-Sentenza tas-27 ta’ Marzu, 2008.

(c) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tiddeciedi li ma tilqax l-ewwel talba tal-Appellanti, din il-Qorti qeghda tintalab sabiex tiddikjara nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli l-ewwel akkuza fil-konfront tal-Imputat / Appellanti minhabba l-bdil tad-data mill-Ewwel Qorti fi stadju meta l-Prosekuzzjoni diga’ kienet ilha xhur li ddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi (a fol. 12 tal-Atti Processwali) u l-Imputat / Appellanti kien diga’ fi stadju avvanzat tad-deposizzjonijiet tieghu nkluz l-esebizzjoni ta’ diversi Dokumenti, Referenzi relevanti, u anka Sentenzi minn Qrati Kompetenti fuq materja meritu tas-sitwazzjonijiet simili bhall-akkuza msemmija.

(d) Illi jekk din il-wisq Onorabbli Qorti tilqa’ t-talba mmedjatament precedenti, allura din il-Qorti qeghda umilment tigi mitluba sabiex thassar l-effettivita’ tas-Sentenza citata sa fejn tirrigwarda l-ewwel akkuza kontra l-Appellanti, tiddikjara tali akkuza nulla w invalida, u timmodifika fic-cirkostanzi jekk huwa possibbli l-pieni mposti mill-Ewwel Qorti f’pagna 116 u 117 tas-Sentenza tas-27 ta’ Marzu, 2008.

(e) Din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti hawn citata minhabba li l-Ewwel Qorti naqset li tikkonforma ruhha mar-rwol taghha ta' Qorti Kriminali imma marret ***ultra vires*** fis-sens illi ghamlitha espressament cara li hija hadet in-naha tal-Prosekuzzjoni biex isservi ta' bilanc ghas-socjeta' u tkun ta' deterrent bhal mannara fuq l-Appellanti biex ***'jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur'***, mentri din mhux ir-rwol tal-Qorti Kriminali u ghalhekk din is-Sentenza ghandha tithassar u tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli.

(f) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2008 billi l-Ewwel Qorti naqset li specifikament tikkundanna lill-akkuzat ghal kull wahda mill-erba' akkuzi u ma abbinat ebda piena relatata specifikament ma' kull wahda mill-erba' akkuzi, b'mod illi dan cahhad il-jedd jekk huwa l-kaz li l-Appellanti fl-eventwalita' li ried jappella minn xi decizjoni fuq akkuza partikolari, din is-Sentenza tal-Ewwel Qorti kienet monka f'dan l-aspett fundamentalissimu fil-procedura quddiem il-Qorti Kriminali w ghalhekk lezi d-drittijiet fundamentali tal-Appellanti, tali Sentenza ghandha tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u f'dan ir-rigward din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tordna t-tahsir taghha.

(g) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir ukoll tas-Sentenza tal-Ewwel Qorti hawn indikata peress illi manifestament kien hemm erba' akkuzi differenti fir-rigward tal-Imputat / Appellanti, b'lokalitajiet u dati u hin u zminijiet differenti partikolarment fir-rigward tar-raba' akkuza li bl-ebda mod ma dawn l-erba' akkuzi ma setghu jigu meqjusa li jinkwadraw ruhhom fil-parametri tal-Artikolu 18 (reat kontinwat) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u considerando li l-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha minkejja eccezzjoni in linea preliminari f'dan ir-rigward da parti tal-Appellanti trattat dawn l-erba' akkuzi qishom kienu wahda allura fic-cirkostanzi gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat fil-kamp tal-Ligi Kriminali filwaqt li kien hemm nuqqas ta' konformita' mal-procedura kriminali u kwindi s-Sentenza minn dan l-att hija nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli peress illi wkoll m'hemm l-ebda abbinament bejn l-Artikolu 82A u dak 72 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talba ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

(h) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tordna t-tahsir tas-Sentenza citata billi evidentament anka minn siltiet iccitati mis-Sentenza ndikata fil-korp fl-intier tieghu kollu ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern, l-Ewwel Qorti hadet bl-aktar mod esplicitu n-naha tal-Prosekuzzjoni b'mod illi l-Ewwel Qorti bir-rispett kollu ma dehritx indipendenti, imparzjali, b'attitudini oggettiva fil-mod kif iggudikat lill-Appellanti li fin-nuqqas ta' provi da parti tal-Prosekuzzjoni, kienet l-istess l-Ewwel Qorti li kkonkludiet il-htija tal-Imputat, meta dan m'huwiex ir-rwol tal-Qorti Kriminali u ghaldaqstant ppregudikati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat fil-qasam tal-Ligi Kriminali, din is-Sentenza ghandha titqies nulla w invalida,

ineffettiva u mhux enforzabbli u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza li minnha qed isir dan l-Appell odjern.

(i) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija umilment mitluba li thassar l-effetti jekk huwa l-kaz tas-Sentenza Appellata fir-rigward tal-ewwel akkuza kontra l-Appellanti ulterjorment ukoll billi l-Ewwel Qorti ma specifikatx jekk l-Appellanti huwiex hati jew le bhala akkuzat tal-allegat reat fl-ewwel akkuza u wisq anqas ma mponiet xi piena partikolari fir-rigward tal-ewwel akkuza fil-konfront tal-Imputat jew iddikjaratu hieles minn kull imputazzjoni u / jew htija jew xorta ohra u dan jammonta ghal nuqqas serju fil-procedura kriminali, li jaffettwa d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat fil-kamp kriminali u kwindi s-Sentenza fir-rigward tal-ewwel akkuza ghandha titqies nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija mitluba biex thassarha u l-effetti taghha jekk huwa l-kaz f'dan ir-rigward ukoll.

(j) Illi ***mutatis mutandi*** ghal dak illi ntqal fit-talba precedenti, din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija mitluba li thassar sa fejn applikabbli s-Sentenza Appellata fir-rigward tat-tieni akkuza kontra l-Appellanti billi l-Ewwel Qorti naqset li specifikament tikkundanna u / jew issib lill-Imputat hati tal-allegat reat fit-tieni akkuza u lanqas ma ddikjaratu hieles minn kull imputazzjoni / htija jekk hu l-kaz u dan fisser illi gie miksur regolament importanti fil-qasam tal-Procedura Kriminali u r-rwol tal-Qorti Kriminali u f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk is-Sentenza citata ghandha tigi meqjusa nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli wkoll fir-rigward tat-tieni akkuza versata kontra l-Imputat u din il-Qorti sa fejn huwa relevanti tordna t-tahsir tal-istess Sentenza.

(k) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali hija mitluba wkoll li thassar is-Sentenza citata sa fejn tapplika t-tielet akkuza kontra l-Imputat billi l-Ewwel Qorti naqset li specifikament tiddikjara lill-Imputat hati jew hieles minn dan l-allegat reat fir-rigward tal-artikolu "Coming Cataclysmic Crisis" u lanqas ma formalment helsitu jew imponiet xi forma ta' piena, aspetti essenzjali fir-rwol tal-Qorti Kriminali u l-ghoti tas-Sentenzi u ghalhekk f'dan ir-rigward is-Sentenza citata ghandha tigi dikjarata nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tal-istess Sentenza f'dan ir-rigward fejn applikabbli.

(l) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza Appellata fir-rigward tar-raba' akkuza kontra l-Imputat billi l-Ewwel Qorti naqset fis-Sentenza tas-27 ta' Marzu, 2008, li tispecifika jekk l-Imputat hux hati jew le ta' din l-akkuza u naqset ukoll li tilliberah jew timponi xi forma ta' piena fuqu, elementi essenzjali fir-rwol ta' Qorti Kriminali w aspett fundamentali ghad-drittijiet tal-akkuzat f'kull Sentenza fil-qasam tal-Ligijiet Kriminali li tinghata w ghaldaqstant tali Sentenza ghandha tigi meqjusa nulla w invalida, ineffettiva u mhux aplikabbli fir-rigward ta' din ir-raba' akkuza kontra l-Imputat u din il-Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tal-istess Sentenza f'dan ir-rigward sa fejn aplikabbli ghar-raba' akkuza.

(m) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza citata fir-rigward tal-kundanna mill-Ewwel Qorti lill-Imputat biex ihallas multa ta' hames mitt Ewro (∈500) f'pagna 116 tas-Sentenza citata billi minghajr pregudizzju ghal dak kollu li gie sottomess l-Artikolu 82A ma jaghmel referenza ghal ebda multa u l-Artikolu 72 jindika alternattiva bejn piena ta' prigunerija bejn xahar sa tliet xhur jew il-multa, u considerando li l-Appellanti qed jassumi li l-multa tirreferi ghal Artikolu 72 u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward ta' dan l-Artikolu anka fit-talbiet kif hawn fuq suesposti, galadarba l-Ewwel Qorti kkundannatu ghal piena karcerarja ma setghetx ukoll tikkundannah ihallas multa ta' hames mitt Ewro (∈500) u allura f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti agixxiet ***ultra vires*** is-setghat taghha u fil-parametri ta' dak li hawn qed jigi sottomess din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri.

(n) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tordna t-tahsir tas-Sentenza Appellata fir-rigward tal-mod kif l-Ewwel Qorti ddikjarat li ssib lill-Imputat **Norman Lowell** hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn pero' sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin u dan ghaliex l-Ewwel Qorti kienet obbligata li tispecifika l-htija jew in-nuqqas taghha f'kull akkuza jekk huwa l-kaz u l-piena marbuta rispettivament ma' kull akkuza, haga li naqset illi taghmel l-Ewwel Qorti bi vjolazzjoni ta' dritt fundamentali tal-akkuzat u ghalhekk l-Ewwel Qorti naqset li tkun konformi mar-rwol taghha ta' Qorti Kriminali fir-rigward ta' kull akkuza versu kwalsiasi akkuzat, f'dan il-kaz l-Appellanti odjern u ghalhekk f'dan ir-rigward is-Sentenza hija wkoll nulla w invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli u relatat ma' dan l-aspett ta' piena karcerarja kumulattivament ghall-erba' akkuzi, din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell hija mitluba li tordna t-tahsir tas-Sentenza citata hawn appellata.

117. Illi dawk kienu erbatax –il talba konnessi mat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008. Issa l-Appellanti strettament minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet tal-Appell minnu moghtija u ghall-ewwel sett ta' erbatax –il talba fuq suesposti, sejjer jissottometti wkoll talbiet ulterjuri u alternattivi.

***Talbiet Ulterjuri w Alternattivi***

118. Illi jekk ghall-grazzja tal-argument u bl-akbar umilta', din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ma tqiesx ghal xi raguni jew ohra li s-Sentenza li ghandha tilqa' t-talba ghat-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri jew partijiet minnha a bazi tal-erbatax –il talba li

ghadhom kemm gew sottomessi minn Ittra (a) sa Ittra (n), bl-akbar umilta' l-Appellanti / Imputat qieghed jissottometti s-segwenti talbiet ulterjuri w alternattivi.

119. Illi, ghaldaqstant, l-Imputat / Appellanti **Norman Lowell** ta' 62 sena, iben Albert Lowell, li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 621346(M), b'referenza ghas-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presjeduta mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D., fl-ismijiet "Il-Pulizija (Supretendent Peter Paul Zammit, Spettur George Cremona, Spettur Angelo Caruana) –vs NORMAN LOWELL" moghtija nhar il-Hamis, 27 ta' Marzu, 2008, qieghed ***strettament minghajr pregudizzju*** jitlob lil din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sabiex bhala alternattiva ulterjorment din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tiddetermina u tiddeciedi:-

> (i) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ulterjorment u alternattivament ghall-erbatax –il talba gia sottomessi u jekk ikun mehtieg, qeghda tigi umilment mitluba sabiex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda provi fir-rigward tal-ewwel akkuza dik konnessa mal-lokalita' tan-Nigret – Rabat gewwa Malta li dak li tenna l-Imputat nhar it-3 ta' April, 2006 kellu xi hsieb li jqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk holoq il-probabilita' li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u considerando li l-Prosekuzzjoni ma gabet lanqas l-icken prova marbuta ma' dan l-element essenzjali tal-Artikolu 82A din il-wisq Onorabbli Qorti qed tigi mitluba biex tehles lill-Imputat u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija fir-rigward tal-ewwel akkuza fil-konfront tieghu rizultanti minn dawn l-Atti Processwali u kif indikata fis-Sentenza li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern.
>
> (ii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tibdel is-Sentenza tal-Qorti Inferjuri fis-sens illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-icken prova li b'xi mod ma thalli ebda dubju li l-Imputat tabilhaqq kien hati fir-rigward tad-diskors tieghu tat-8 ta' Mejju, 2006 fil-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar ghal dak illi kellu xi hsieb li b'hekk qajjem mibeghda razzjali jew b'hekk holoq il-probabilita' li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u ghalhekk l-Imputat qieghed jigi umilment mitlub ghandu jinheles minn kull imputazzjoni u htija minn din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u liberat mill-konsegwenzi ta' din it-tieni akkuza fil-konfront tieghu kif tirrizulta mis-Sentenza citata li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern.
>
> (iii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda umilment tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza tal-Qorti Inferjuri fis-sens illi b'referenza ghall-Artikolu "Coming Cataclysmic Crisis" li nkiteb fis-sena 2003 ma ngabet ebda prova mill-Prosekuzzjoni li dan l-artikolu b'xi mod kellu l-hsieb li b'hekk iqajjem mibeghda

razzjali jew b’hekk holoq il-probabilita’ li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, u ghalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi mitluba umilment biex tehles minn kull imputazzjoni u htija fir-rigward ta’ din it-tielet akkuza kontra l-Appellanti u tillibera lill-Imputat mill-istess.

(iv) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell b’referenza ghar-raba’ akkuza kontra l-Appellanti u cioe’ dik li fil-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar nhar it-8 ta’ Mejju, 2006 uza kliem, eghmil jew gesti li jingurjaw jew jinsulentaw jew imaqdru lill-persuna tal-President ta’ Malta bl-ebda mod ma l-Prosekuzzjoni gabet xi prova li b’xi mod issostanzjat din l-allegazzjoni li kien hemm xi **Disprezz** lejn il-persuna tal-President ta’ Malta u li anka l-istess l-Ewwel Qorti fis-Sentenza citata ma ghamlet ebda referenza specifika li sabet lill-Imputat hati ta’ din l-akkuza, u ghalhekk din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qed tigi mitluba biex tillibera lill-Imputat fir-rigward tar-raba’ akkuza sollevata kontra tieghu.

(v) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda umilment tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza Appellata fir-rigward li l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li l-erba’ akkuzi kontra l-Appellanti kienu jammontaw ghal reat wiehed u cioe’ reat kontinwat meta dan ovvjament m’huwiex il-kaz u li ghaldaqstant din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi kwalsiasi decizjoni mehuda mill-Ewwel Qorti li abbinat il-piena taghha fuq il-bazi li l-erba’ akkuzi kienu jammontaw ghal reat wiehed u reat kontinwat ghandha tigi kkancellata w is-Sentenza mibdula fis-sens illi fic-cirkostanzi l-Imputat Appellanti ghandu jigi mehlus minn kull piena u lliberat fil-konfront ta’ din l-assunzjoni fir-rigward tieghu li huwa kien hati ta’ reat kontinwu u reat kontinwat.

(vi) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi l-kundanna ghall-hlas tal-multa ta’ hames mitt Ewro (Ewro 500) kif rizultanti minn pagna 116 tas-Sentenza citata u li minnha qieghed isir dan l-Appell odjern qatt ma kienet dovuta billi l-Artikolu 82A ma jimponi ebda multa u l-Artikolu 72 jimponi multa bhala alternattiva waqt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet fuq priguneria, u allura certament il-multa qatt ma kellha tigi fic-cirkostanzi mposta, u ghalhekk is-Sentenza Appellata ghandha tigi mibdula wkoll fis-sens li tigi abrogata din il-kundanna tal-hlas tal-hames mitt Ewro (Ewro 500) multa imposta fuq l-Imputat / Appellanti.

(vii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi mitluba biex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi jekk il-Prosekuzzjoni ghamlet talba ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan biex l-Imputat ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta’ Periti u Esperti, id-decizjoni tal-Ewwel Qorti ghandha tigi mibdula fis-sens li l-Imputat / Appellanti m’ghandux ikun obbligat li jhallas l-ispejjez involuti fil-hatra tal-Espert fl-ammont ta’ tmienja u tletin Ewro (Ewro 38) u dan mhux biss fil-parametri tat-talbiet li qeghdin hawn jigu sottomessi quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, imma li kien id-dover tal-Prosekuzzjoni li jekk ser tressaq lill-Imputat akkuzat, trid iggib il-provi lesti w adekwati biex l-Imputat ikun jaf fuq hiex kien qed jigi akkuzat u jkun jista’

jiddefendi lilu nnifsu u mhux kellna Prosekuzzjoni li akkuzat minghajr ma kienet armata b'ebda provi (nuqqas li gie bl-aktar mod kategoriku muri fil-mori ta' din il-kawza) u ghalhekk certament taht l-ebda cirkostanzi ma kellu l-Imputat / Appellanti jigi ordnat mill-Ewwel Qorti biex ihallas ghan-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni aktar u aktar meta din ma gabet ebda provi li b'xi mod issostanzjaw jew ikkonsolidaw, ikkjarifikaw jew ma hallew lanqas l-icken dubju li l-Imputat / Appellanti kien hati lanqas biss ta' wahda mill-erba' akkuzi fil-konfront tieghu.

(viii) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell qeghda tigi umilment mitluba wkoll biex tibdel is-Sentenza Appellata fis-sens illi l-Imputat jigi lliberat mill-kundanna ghal piena karcerarja ta' sentejn pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin u dan peress illi fl-ewwel lok ma kien hemm ebda reat kontinwat skond l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif imfisser u sottomess, u anka billi bl-ebda tigbida tal-immaginazzjoni l-effetti tal-Artikolu 82A u dak tal-Artikolu 72 ma huma abbinati bhala piena fil-Kodici Kriminali w ghaldaqstant l-Imputat ghandu jinheles minn din il-piena karcerarja ta' sentejn sospiza ghal erba' snin ghas-semplici raguni li ma kien hemm ebda bazi la legali u lanqas fattwali ghala l-Imputat kellu jinstab hati tal-akkuzi kollha globalment u kkundannat globalment kif gia gie mfisser fir-ragunijiet ghala sar dan l-Appell u fit-Talbiet li s'issa gew sottomessi quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

(ix) Illi jekk ghall-grazzja tal-argument din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tara li fic-cirkostanzi l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu gustifikati bhala fatti u f'parametri legali, allura umilment din il-wisq Onorabbli Qorti hija mitluba biex tbiddel, tvarja u timmodifika l-piena tal-Ewwel Qorti fis-sens illi galadarba l-Imputat / Appellanti gie dikjarat mill-istess l-Ewwel Qorti fis-Sentenza taghha bhala 'a first- time offender' twissija minn din il-wisq Onorabbli Qorti lill-Imputat / Appellanti dwar konsegwenzi futuri li jista' jkun hemm f'kazijiet simili ghandha tkun ferm aktar minn sufficjenti li wara kollox dan huwa kaz li qed jimrah f'materja fattwali u legali gdida ghall-Qrati tal-Gustizzja Maltin u li jimpingi bl-aktar mod qawwi fuq drittijiet u libertajiet fundamentali li f'pajjizna diga' ilhom protetti bhala drittijiet u libertajiet fundamentali legalment, aktar u aktar issa li Malta hija Membru Shih tal-Unjoni Ewropeja.

120. Illi b'hekk l-Imputat / Appellanti komplessivament issottometta tlieta w ghoxrin Talba, erbatax fl-ewwel taqsima li tirrigwarda t-tahsir tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri, u disa' Talbiet addizzjonali bhala alternattiva fl-eventwalita' li din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell tara li legalment u fattwalment ma kienx hemm il-bazi ghall-ewwel grupp ta' erbatax –il Talba.

121. Tant ghandu x'jissottometti bl-akbar umilta', qima u rispett l-Imputat / Appellanti **Norman Lowell :** Id number 621346(M) lil din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghall-evalwazzjoni taghha tal-kontenut ta' dan ir-Rikors tal-Appell odjern, li jista' jidher kemm xejn twil, biss wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li kellha tigi evalwata Sentenza ta' mija u sbatax –il faccata (l-itwal Sentenza fil-kamp tas-Sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali), Atti Processwali ta' hames mija u hamsa u hamsin faccata (555) u fuq kollox minhabba n-novita' ta' dan il-kaz u partikolarment l-interpretazzjoni fil-qasam Kriminali tal-Artikolu 82A, l-Artikolu 72, jekk hux il-kaz li dawn qatt kellhom jigu abbinati fil-parametri tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ghala inghatat fic-cirkostanzi u kif inghatat, u fuq kollox il-glieda ghal dak li ahna bhala pajjiz u cioe' Demokrazija Libera li thaddan il-principji fundamentali tal-liberta' tal-Espressjoni, tal-Opinjoni, tal-Hsieb, tal-Komunikazzjoni u ta' kif dawn l-erba' libertajiet u drittijiet fundamentali jigu mghoddija lil terzi. Illi dawn tal-ahhar ghandhom ukoll id-drittijiet taghhom pero' l-Artikoli 82A u 72 ghandhom elementi essenzjali ristrettivi fil-Kamp Kriminali li min iressaq lil xi hadd akkuzat bihom, irid jipprova fir-rigward tal-Artikolu 82A li kien hemm il-**<u>hsieb</u>** li b'hekk titqajjem mibeghda razzjali jew b'hekk johloq il-probabilita' li, meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali; U fir-rigward tal-Artikolu 72 li jrid ikun hemm tabilhaqq ***Disprezz*** fir-rigward tal-persuna tal-President ta' Malta, li la f'kamp u lanqas fl-iehor ma l-Prosekuzzjoni rnexxielha tressaq ebda prova u cioe' mhux ma rnexxilhiex tressaq ebda prova sodisfacenti li ma thalli lanqas l-icken dubju tal-htija tal-Imputat, imma a dirittura ma ressqet ebda prova. Illi zid ma' dan il-preokkupazzjoni li l-Imputat / Appellanti kellu bil-mod kif giet miktuba s-Sentenza Appellata dwar ir-rwol tal-Qorti Kriminali li ghandha tkun funtana ta' imparzjalita' w indipendenza u tiggudika biss fuq il-provi li tressaq naha fil-konfront tan-naha l-ohra u mhux li fi kliem l-istess l-Ewwel Qorti sservi ta' bilanc man-naha li qed takkuza biex tipprotegi l-interessi tas-socjeta' in generali bhal ma hemm f'dik is-Sentenza li tkexkex f'pagna 116 '***din il-piena ghandu jkollha l-effett ta' mannara sabiex l-Imputat jifli l-kliem tieghu qabel ma jesprimi ruhu fil-futur'***, Sentenza li bl-akbar rispett w umilta' tkexkxek 'il ghaliex f'daqqa wahda thoss li inti m'intix qed tigi protett minn Qorti Indipendenti u Imparzjali li wara kollox fundamentalment huwa r-rwol ta' Qorti Kriminali fir-rigward ta' akkuzi migjuba kontra nies akkuzati. Illi reverenzjalment u bl-umilta' l-Imputat ghamel dawn is-sottomissjonijiet tieghu u bl-istess

umilta' jindika l-fiducja pjena li ghandu f'din il-wisq Onorabbli Qorti tal-Appell sabiex il-gustizzja mhux biss issir imma tidher li qeghda ssir f'isem il-Liberta' tal-Hsieb, tal-Espressjoni, tal-Opinjoni, tal-Komunikazzjoni, u kif dawn jigu imferrxa u mghoddija lil terzi u f'isem ukoll l-interess illi f'pajjizna nibqghu inhossuna hielsa f'Demokrazija li nghidu li rridu fit-termini legali naturalment minghajr il-biza' li nitressqu l-Qorti minn xi Awtorita' Kompetenti anka jekk din ma jkollhiex provi li b'xi mod dak li akkuzat tista' tippruvah!

**Av. Dr Emmy D. Bezzina:**
**"EBEZ", 107, West Street,**
**Pjazza Indipendenza,**
**Il-Belt Valletta : VLT 1535.**
**Mobile number : 99493404.**

**Appellanti Norman Lowell:**
**Id number 621346(M)**
**"Halcyon", Numru 44,**
**Triq iz-Zaghfran,**
**H'Attard.**

**<u>Notifiki:</u>**

1. Kummissarju tal-Pulizija, Kwartieri Generali, Furjana.
2. Avukat Generali tar-Repubblika, Ufficju tal-Avukat Generali, il-Palazz, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.